ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 327

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 50**

**13 ta' Diċembru 2007**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1463/2007 tat-12 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .................. 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1464/2007 tat-12 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi sa fejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti f'Novembru 2007 għal ċerti prodotti tal-ħalib fil-qafas ta' ċerti kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1465/2007 tat-12 ta' Diċembru 2007 li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 752/2007 dwar il-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina** .......................................................................... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1466/2007 tat-12 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlozz fiż-żoni VIII ċ, IX u X ta' l-ICES; l-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1 min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall** ......................... 8

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**


2007/829/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-regoli applikabbi għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari nazzjonali sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/479/KE** ........ 10


IV *Atti oħrajn*

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**


★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA Nru 90/04/COL tat-23 ta' April 2004 li temenda għas-sitta u erbgħin darba r-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat billi Tintroduċi kapitolu ġdid 24Ċ: l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għax-Xandir tas-servizz pubbliku** ........ 21


**Corrigendum**


★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 360, 19.12.2006)** ........ 32

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1459/2007 ta' l-10 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1858/2005 li jimponi dazju definittiv *antidumping* fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula, u ċimi, ta' l-azzar li joriġinaw, *inter alia*, mill-Afrika t'Isfel (ĠU L 326, 12.12.2007)** ........ 32


MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1463/2007

### tat-12 ta' Diċembru 2007

### li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 168,9 |
| | MA | 91,0 |
| | TN | 157,6 |
| | TR | 108,7 |
| | ZZ | 131,6 |
| 0707 00 05 | JO | 209,9 |
| | MA | 47,6 |
| | TR | 89,2 |
| | ZZ | 115,6 |
| 0709 90 70 | JO | 149,8 |
| | MA | 56,0 |
| | TR | 108,3 |
| | ZZ | 104,7 |
| 0709 90 80 | EG | 359,4 |
| | ZZ | 359,4 |
| 0805 10 20 | AR | 12,5 |
| | AU | 10,4 |
| | BR | 25,6 |
| | SZ | 31,4 |
| | TR | 100,7 |
| | ZA | 38,2 |
| | ZW | 20,3 |
| | ZZ | 34,2 |
| 0805 20 10 | MA | 79,8 |
| | ZZ | 79,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 32,2 |
| | IL | 66,9 |
| | TR | 72,7 |
| | ZZ | 57,3 |
| 0805 50 10 | EG | 80,9 |
| | IL | 82,7 |
| | TR | 105,4 |
| | ZA | 65,9 |
| | ZZ | 83,7 |
| 0808 10 80 | AR | 79,2 |
| | CA | 97,8 |
| | CL | 86,0 |
| | CN | 76,4 |
| | MK | 30,6 |
| | US | 87,4 |
| | ZA | 82,4 |
| | ZZ | 77,1 |
| 0808 20 50 | AR | 71,4 |
| | CN | 40,6 |
| | TR | 145,7 |
| | US | 107,8 |
| | ZZ | 91,4 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1464/2007**

**tat-12 ta' Diċembru 2007**

**li jistabbilixxi sa fejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti f'Novembru 2007 għal ċerti prodotti tal-ħalib fil-qafas ta' ċerti kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/1999 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji ta' importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestita b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni, ([2]) u b'mod partikulari l-artikolu 7(2) tiegħu.

Billi:

L-applikazzjonijiet li saru mill-20 sa l-30 ta' Novembru 2007 għal ċerti kwoti msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ta' l-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa ([3]), huma għal kwantitajiet akbar minn dawk disponibbli. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom intalbu l-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kwota msemmija fil-partijiet I.A, I.D, I.E, I.F, I.H u I.I ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, introdotti bejn l-20 u l-30 ta' Novembru 2007 huma modifikati skond il-koeffiċjent ta' allokazzjoni mniżżel fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1152/2007 (ĠU L 258, 4.10.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

([2]) ĠU L 238 ta' l-1.9.2006, p. 13. Regolament kif emendat l-aħħar bir-regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

([3]) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 487/2007 (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 8).

*ANNESS I.A*

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4590 | 100 % |
| 09.4599 | 100 % |
| 09.4591 | 100 % |
| 09.4592 | — |
| 09.4593 | — |
| 09.4594 | 100 % |
| 09.4595 | 1,396665 % |
| 09.4596 | 100 % |

*ANNESS I.D*

Prodotti li joriġinaw mit-Turkija

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4101 | — |

*ANNESS I.E*

Prodotti li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4151 | — |

*ANNESS I.F*

Prodotti li joriġinaw mill-Iżvizzera

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4155 | — |

*ANNESS I.H*

Prodotti li joriġinaw mill-Ġordan

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4179 | 100 % |

*ANNESS I.I*

Prodotti li joriġinaw mill-Iżlanda

| Numru tal-kwota | Koeffiċjent ta' allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4205 | 100 % |
| 09.4206 | 100 % |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1465/2007**

**tat-12 ta' Diċembru 2007**

**li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 752/2007 dwar il-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 752/2007 ([1]) tat-30 ta' Mejju 2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukraina ffirmaw ftehim dwar kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar fit-18 ta' Ġunju 2007 ([2]) ("il-Ftehim").

(2) L-Artikolu 10(1) tal-Ftehim jipprevedi li l-Ftehim għandu jiġġedded awtomatikament minn sena għal sena sakemm l-ebda Parti ma tagħti lill-Parti l-oħra avviż bil-miktub ta' denunzja tal-Ftehim sitt xhur qabel ma jiskadi u li b'kull tiġdid, il-kwantitajiet f'kull grupp ta' prodotti għandhom jiżdiedu bi 2.5 %.

(3) L-Ukraina ma nnotifikatx lill-Komunità dwar ix-xewqa tagħha li tiddenunzja l-Ftehim. Għaldaqstant, il-Ftehim se jkun imġedded awtomatikament u l-kwantitajiet f'kull grupp ta' prodotti se jiżdiedu bi 2.5 %.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 752/2007 għandu jkun emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2007 stabbiliti fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 752/2007 qed jinbidlu b'dawk għas-sena 2008 stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Peter MANDELSON
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 178, 6.7.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 6.7.2007, p. 24.

*ANNESS*

**LIMITI KWANTITATTIVI GĦAS-SENA 2008**

*(tunnellati)*

| Prodotti | 2008 |
|---|---|
| *SA. Prodotti ċatti mremblin (flat-rolled)* | |
| SA1. Kojlijiet | 194 750 |
| SA2. Pjanċi tqal | 399 750 |
| SA3. Prodotti ċatti mremblin oħra | 143 500 |
| *SB. Prodotti twal* | |
| SB1. Travi | 51 250 |
| SB2. Vireg tal-wajer | 199 875 |
| SB3. Prodotti oħra twal | 363 875 |

*Nota:* SA u SB huma kategoriji ta' prodotti.
SA1 sa SA3 u SB1 sa SB3 huma gruppi ta' prodotti.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1466/2007

## tat-12 ta' Diċembru 2007

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlozz fiż-żoni VIII ċ, IX u X ta' l-ICES; l-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1 min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2007.

(2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2007 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11); kif ikkoreġuta fil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

([3]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 86 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Stokk | HKE/8C3411 |
| Speċi | Marlozz (*Merluccius merluccius.*) |
| Żona | VIII c, IX u X; l-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1 |
| Data | 24.11.2007 |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-5 ta' Diċembru 2007**

**dwar ir-regoli applikabbi għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari nazzjonali sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/479/KE**

(2007/829/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-espert(i) nazzjonali sekondat(i) (minn hawn 'il quddiem "ENS") u l-persunal militari nazzjonali sekondat (minn hawn 'il quddiem "persunal militari sekondat") għandhom jippermettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "SĠK") li jibbenefika mill-konoxxenza u l-esperjenza professjonali ta' livell għoli tagħhom, partikolarment fl-oqsma fejn m'hemmx disponibbiltà immedjata ta' tali kompetenza.

(2) Din id-Deċiżjoni għandha tinkoraġġixxi l-iskambju ta' esperjenza u konoxxenza professjonali fil-qasam tal-politika Ewropea, billi tassenja temporanjament esperti ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' l-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali mas-servizzi tas-SĠK.

(3) L-ENS għandhom jiġu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' l-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

(4) Id-drittijiet u l-obbligi ta' l-ENS u tal-persunal militari sekondat, stabbiliti b'din id-Deċiżjoni, għandhom jiggarantixxu li dawn iwettqu d-dmirijiet tagħhom fl-interess biss tas-SĠK.

(5) Fid-dawl tan-natura temporanja ta' ħidmiethom u minħabba l-istatus partikolari tagħhom, l-ENS u l-persunal militari sekondat m'għandhom jieħdu l-ebda responsabbiltà li tappartjeni lis-SĠK għall-eżerċizzju tal-prerogattivi tiegħu tad-dritt pubbliku, ħlief fir-rigward tad-derogi previsti minn din id-Deċiżjoni.

(6) Din id-Deċiżjoni għandha tiddefinixxi l-kondizzjonijiet kollha ta' l-impjieg ta' l-ENS u tal-persunal militari sekondat u għandha tapplika irrispettivament mill-oriġini ta' l-approprjazzjonijiet baġitarji użati sabiex ikopru l-ispejjeż.

(7) Barra minn hekk għandu jsir provvediment partikolari għall-persunal militari sekondati mas-SĠK sabiex jiġi ffurmat il-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea.

(8) Ladarba dawn ir-regoli jissostitwixxu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE [1], hu meħtieġ li din titħassar, mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni ta' l-applikazzjoni tagħha għall-issekondar kollu li jkun għadu effettiv fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,

[1] ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/456/KE (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 27).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

## Kamp ta' applikazzjoni

1. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għall-Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' l-Istati Membri. Huma għandhom japplikaw ukoll għall-persunal militari sekondat minn organizzazzjoni internazzjonali.

2. Il-persuni koperti minn dawn ir-regoli għandhom jibqgħu fis-servizz ta' min iħaddimhom tul il-perijodu ta' ssekondar u għandhom jibqgħu jiġu rimunerati minnu.

3. Is-SĠK għandu jiddeċiedi, skond il-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet baġitarji, dwar ir-reklutaġġ ta' ENS. Id-Deputat Segretarju Ġenerali għandu jistabbilixxi l-modalitajiet ta' dan ir-reklutaġġ.

4. Ħlief jekk id-Deputat Segretarju Ġenerali jikkonċedi deroga li ma tkunx applikabbli fil-kamp tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD), l-ENS għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru. Ir-reklutaġġ ta' ENS għandha ssir fuq bażi ġeografika kemm jista' jkun wiesgħa minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri u s-SĠK għandhom jikkoperaw sabiex jiżguraw, kemm jista' jkun, bilanċ bejn irġiel u nisa u r-rispett tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs.

5. L-issekondar għandu jiġi implimentat permezz ta' skambju ta' ittri bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni tas-SĠK u r-Rappreżentanza Permanenti ta' l-Istat Membru konċernat, jew, jekk ikun il-każ, l-organizzazzjoni internazzjonali. Il-post ta' l-issekondar għandu jkun imsemmi fl-iskambju ta' ittri. Kopja tar-regoli applikabbli għall-ENS mas-SĠK għandha tkun mehmuża ma' l-iskambju ta' ittri.

*Artikolu 2*

## Il-perijodu ta' l-issekondar

1. Il-perijodu ta' l-issekondar ma jistax ikun inqas minn sitt xhur u lanqas iktar minn sentejn u jista' jiġġedded għal perijodi suċċessivi għal żmien totali li ma jaqbiżx erba' snin.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-perijodu ta' l-issekondar ta' ENS għall-parteċipazzjoni fit-tħejjija ta' operazzjonijiet militari jew ċivili jew għall-istudju tat-tnedija tagħhom jista' jkun inqas minn 6 xhur.

3. Il-perijodu ta' l-issekondar previst għandu jiġi stabbilit fil-bidu, fl-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5). L-istess proċedura għandha tapplika fil-każ ta' tiġdid tal-perijodu ta' l-issekondar.

4. L-ENS li diġà kienu ġew sekondati mas-SĠK jistgħu jerġgħu jiġu sekondati, f'konformità mar-regolamenti interni stabbiliti rigward il-perijodu massimu tal-preżenza ta' dan il-persunal fis-servizzi tas-SĠK, u dejjem bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) l-ENS għandhom jibqgħu jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għall-issekondar;

b) iridu jkunu għaddew mill-inqas sitt snin bejn it-tmiem tal-perijodu ta' l-issekondar preċedenti u ssekondar ġdid; jekk, fi tmiem l-ewwel issekondar, l-ENS ibbenefika minn kuntratt supplimentari differenti, il-perijodu ta' sitt snin għandu jibda jgħodd mit-tmiem ta' dan il-kuntratt. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex twaqqaf lis-SĠK milli jaċċetta l-issekondar ta' ENS li l-ewwel issekondar tiegħu dam inqas minn erba' snin, iżda f'dan il-każ, l-issekondar il-ġdid m'għandux jaqbeż il-parti li jkun fadal tal-perijodu ta' erba' snin;

c) il-perijodu indikat fil-punt (b) għandu jitnaqqas għal tliet snin fil-każ li l-perijodu ta' l-ewwel issekondar ikun inqas minn sitt xhur.

*Artikolu 3*

## Post ta' l-issekondar

L-ENS għandhom ikunu sekondati fi Brussell, f'uffiċċju ta' kollegament tas-SĠK jew fi kwalunkwe post ieħor fejn l-Unjoni Ewropea taġixxi fl-ambitu ta' deċiżjoni meħuda mill-Kunsill. Il-post ta' l-issekondar jista' jinbidel matul l-issekondar permezz ta' skambju ġdid ta' ittri skond l-Artikolu 1(5), jekk il-possibbiltà ta' bidla ta' dan il-post ma kenitx prevista fl-ewwel skambju ta' ittri. L-amministrazzjoni li tissekonda l-ENS għandha tiġi mgħarrfa bil-bidliet eventwali tal-post ta' l-issekondar.

*Artikolu 4*

## Dmirijiet

1. L-ENS għandu jassisti lill-uffiċjali tas-SĠK jew lill-aġenti temporanji u jwettaq il-kompiti li jiġu fdati lilu.

Il-funzjonijiet imwettqin għandhom jiġu definiti bi qbil komuni bejn is-SĠK u l-amministrazzjoni li tissekonda l-espert nazzjonali fl-interess tas-servizzi u b'kont meħud tal-kwalifiki tal-kandidat.

2. L-ENS m'għandux jipparteċipa f'missjonijiet u laqgħat ħlief:

a) jekk jakkumpanja uffiċjal tas-SĠK jew aġent temporanju, jew

b) jekk ikun waħdu, bħala osservatur jew għal finijiet biss ta' informazzjoni.

Sakemm ma jkunx inħareġ mandat speċjali, taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, mid-Direttur Ġenerali tas-servizz konċernat, l-ENS ma jistax jorbot lis-SĠK esternament.

3. Is-SĠK għandu jibqa' unikament responsabbli mill-approvazzjoni tar-riżultati tal-kompiti mwettqin mill-ENS.

4. Is-servizzi tas-SĠK konċernati, min iħaddem lill-ENS u l-ENS għandhom jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jevitaw kull konflitt ta' interess u kull apparenza ta' tali konflitt rigward il-kompiti ta' l-ENS matul l-issekondar. Għal dan l-għan, is-SĠK għandu jgħarraf fi żmien debitu lill-ENS u lil min iħaddmu bil-kompiti previsti u jitlobhom it-tnejn sabiex jikkonfermaw bil-miktub li huma ma jaraw l-ebda raġuni għaliex l-ENS m'għandux jiġi assenjat għal dawn il-kompiti. L-ENS għandu jiġi mistieden partikolarment sabiex jiddikjara kull konflitt potenzjali bejn ċerti aspetti tas-sitwazzjoni familjari tiegħu (partikolarment xi attivitajiet professjonali ta' membri fil-qrib tal-familja tiegħu jew ta' xi wħud mill-interessi finanzjarji ewlenin tiegħu jew ta' dawn il-membri) u l-kompiti proposti matul l-issekondar.

Min iħaddem lill-ENS u l-ENS għandhom jintrabtu li jgħarrfu lis-SĠK b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi li, matul l-issekondar, tista' tirriżulta f'tali konflitt.

5. Meta s-SĠK iqis li n-natura tal-kompiti fdati lill-ENS teżiġi prekawzjonijiet partikolari fir-rigward tas-sigurtà, għandha tinkiseb awtorizzazzjoni ta' sigurtà qabel l-issekondar ta' l-ENS.

6. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-paragrafi 2, 3, 4 u 7, is-SĠK jista' jittermina l-issekondar ta' l-ENS skond l-Artikolu 8(2)(c).

7. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragafu 1, u mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, id-Deputat Segretarju Ġenerali jista', fuq proposta tad-Direttur Ġenerali tas-servizz li miegħu jiġi assenjat l-ENS, jafda kompiti speċifiċi lill-ENS u jagħtih mandat sabiex iwettaq missjoni speċifika waħda jew aktar wara li jivverifika li ma jeżisti l-ebda konflitt ta' interess.

*Artikolu 5*

**Drittijiet u obbligi**

1. Matul il-perijodu ta' ssekondar:

a) l-ENS għandu jwettaq il-kompiti tiegħu u jġib ruħu b'mod li jfittex biss l-interessi tal-Kunsill;

b) l-ENS għandu jastjeni minn kull azzjoni, partikolarment minn kull espressjoni pubblika ta' opinjoni, li tista' tnaqqas id-dinjità tal-funzjoni tiegħu;

c) kull ENS li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, jintalab jiddeċiedi fuq kwistjoni li fiha jkollu interess personali, dwar it-trattament jew ir-riżoluzzjoni tagħha, li jista' jkun ta' ħsara għall-indipendenza tiegħu, għandu jgħarraf b'dan lill-kap tas-servizz fejn ikun assenjat;

d) l-ENS, waħdu jew ma' persuni oħrajn, m'għandu jippubblika jew iqabbad li jiġi ppubblikat l-ebda test li s-suġġett tiegħu ikun marbut ma' l-attività ta' l-Unjoni Ewropea bla ma jkun kiseb l-awtorizzazzjoni għal dan skond il-kondizzjonijiet u r-regoli fis-seħħ fis-SĠK. Din l-awtorizzazzjoni tiġi miċħuda biss jekk in-natura tal-pubblikazzjoni maħsuba tista' tippreġudika l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea;

e) id-drittijiet kollha fuq xogħlijiet magħmulin mill-ENS fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu għandhom ikunu proprjetà tas-SĠK;

f) l-ENS għandu jirrisjedi fil-post ta' l-issekondar tiegħu jew f'distanza tali minnu li ma tfixklux milli jwettaq l-attivitajiet tiegħu;

g) l-ENS għandu jassisti jew jagħti pariri lis-superjuri li ġie assenjat magħhom u għandu jkun responsabbli lejn dawn is-superjuri għat-twettiq tal-kompiti li jiġu fdati lilu;

h) l-ENS m'għandu jaċċetta l-ebda istruzzjoni minn min iħaddmu jew mill-gvern nazzjonali tiegħu waqt it-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Huwa m'għandu jwettaq l-ebda attività għal min iħaddmu jew għal xi gvern, u lanqas għal kwalunkwe persuna oħra, kumpannija privata jew amministrazzjoni pubblika.

2. Matul u wara l-issekondar, l-ENS għandu josserva l-akbar diskrezzjoni dwar il-fatti u l-informazzjoni li jsir jaf bihom tul it-twettiq jew minħabba t-twettiq ta' dmirijietu. Huwa m'għandu jikkomunika, taħt l-ebda forma, lill-ebda persuna li ma tkunx awtorizzata sabiex tkun taf bihom, l-ebda dokument u l-ebda informazzjoni li ma tkunx saret pubblika legalment u m'għandux juża dawn id-dokumenti jew informazzjoni għall-benefiċċju personali tiegħu.

3. Fit-tmiem ta' l-issekondar, l-ENS għandu jibqa' marbut bl-obbligu li jaġixxi b'integrità u diskrezzjoni fit-twettiq ta' kompiti ġodda li jingħatawlu u fl-aċċettazzjoni ta' ċerti postijiet jew vantaġġi.

Għal dan l-għan, fit-tliet snin li jsegwu l-perijodu ta' l-issekondar, l-ENS għandu jgħarraf minnufih lis-SĠK bid-dmirijiet jew kompiti li jrid iwettaq għal min iħaddmu, u li x'aktarx jagħtu lok għal konflitt ta' interess marbut mal-kompiti li kien wettaq tul l-issekondar.

4. L-ENS għandu jkun suġġett għar-regoli ta' sigurtà fis-seħħ fis-SĠK.

5. Fil-każ tan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu matul l-issekondar is-SĠK ikollu d-dritt jittermina l-issekondar ta' l-ENS, skond l-Artikolu 8(2)(c).

*Artikolu 6*

**Livell, esperjenza professjonali u konoxxenza tal-lingwi**

1. Sabiex jikkwalifika għall-issekondar mas-SĠK, l-ENS għandu jkollu esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin f'impjieg *full time* bi dmirijiet amministrattivi, xjentifiċi, tekniċi, ta' konsulenza jew ta' superviżjoni, ekwivalenti għal dawk tal-gruppi ta' funzjonijiet AD jew AST, kif definiti mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll mir-regoli applikabbli għall-ħaddiema oħrajn tal-Komunitajiet. Qabel l-issekondar, min iħaddem lill-ENS għandu jipprovdi lis-SĠK dikjarazzjoni ta' impjieg ta' l-espert, li tkopri t-tnax-il xahar preċedenti.

2. L-ENS għandu jkollu konoxxenza profonda ta' lingwa komunitarja u konoxxenza sodisfaċenti ta' lingwa oħra sabiex iwettaq il-kompiti li jkunu fdati lilu.

*Artikolu 7*

**Sospensjoni ta' l-issekondar**

1. Is-SĠK jista' jawtorizza sospensjonijiet ta' l-issekondar u jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għalihom. Matul il-perijodu ta' dawn is-sospensjonijiet:

a) m'għandhomx jitħallsu l-indennitajiet imsemmijin fl-Artikolu 15 u 16,

b) l-ispejjeż imsemmijin fl-Artikoli 18 u 19 għandhom jiġu rimborżati biss jekk is-sospensjoni ssir fuq talba tas-SĠK.

2. Is-SĠK għandu jgħarraf lil min iħaddem l-ENS.

*Artikolu 8*

**Terminazzjoni ta' perijodi ta' ssekondar**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-issekondar jista' jiġi terminat fuq talba tas-SĠK jew ta' min iħaddem lill-ENS permezz ta' pre-avviż ta' tliet xhur, jew fuq talba ta' l-ENS, permezz ta' l-istess pre-avviż u suġġett għall-qbil tas-SĠK.

2. F'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, l-issekondar jista' jiġi terminat bla pre-avviż:

a) minn min iħaddem lill-ENS, jekk hekk ikun meħtieġ mill-interessi essenzjali ta' min iħaddem;

b) bi qbil bejn is-SĠK u min iħaddem, fuq talba indirizzata mill-ENS liż-żewġ partijiet, jekk hekk ikun meħtieġ mill-interessi essenzjali, personali jew professjonali ta' l-ENS;

c) mis-SĠK, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-ENS ma' l-obbligi tiegħu skond dawn ir-regoli. L-ENS konċernat għandu qabel jingħata l-opportunità li jippreżenta d-difiża tiegħu.

3. Jekk l-issekondar jiġi terminat taħt il-paragrafu 2(c), is-SĠK għandu minnufih jgħarraf lil min iħaddmu b'dan.

KAPITOLU II

**KONDIZZJONIJIET TA' XOGĦOL**

*Artikolu 9*

**Sigurtà soċjali**

1. Qabel l-issekondar, min iħaddem lill-espert nazzjonali li ser jiġi sekondat għandu jiċċertifika lis-SĠK li l-ENS jibqa' suġġett, matul l-issekondar tiegħu, għal-liġi dwar is-sigurtà soċjali applikabbli għall-amministrazzjoni pubblika jew l-organizzazzjoni internazzjonali li timpjega l-ENS u li tkun ser tidħol responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw barra mill-pajjiż.

2. Minn meta jibda l-issekondar, l-ENS għandu jkun kopert kontra r-riskju ta' inċidenti. Is-SĠK għandu jipprovdih b'kopja tad-dispożizzjonijiet applikabbli dakinhar li jirrapporta fid-dipartiment rilevanti tad-Direttorat Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni sabiex iwettaq il-formalitajiet marbutin ma' l-issekondar.

3. Meta, fl-ambitu ta' missjoni li jipparteċipa fiha l-ENS skond l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 20, jew meta, minħabba riskji speċifiċi fil-post ta' l-issekondar, tkun meħtieġa assigurazzjoni supplimentari jew speċifika, is-SĠK għandu jidħol responsabbli għall-ispejjeż marbutin magħha.

*Artikolu 10*

**Ħinijiet tax-xogħol**

1. L-ENS għandu jkun suġġett għar-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol li jkun hemm fis-seħħ fis-SĠK. Dawn ir-regoli jistgħu jinbidlu mid-Deputat Segretarju Ġenerali għal raġunijiet ta' ħtieġa tas-servizz.

2. L-ENS għandu jaħdem fuq bażi *full time* tul iż-żmien kollu ta' l-issekondar. Fuq talba debitament ġustifikata minn Direttorat Ġenerali u sakemm dan ikun kompatibbli ma' l-interessi tas-SĠK, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni jista' jawtorizza ENS sabiex dan jaħdem fuq bażi *part time*, wara l-qbil ta' min iħaddmu.

3. F'każ ta' xogħol fuq bażi *part time* awtorizzat, l-ENS għandu jaħdem għal mill-inqas nofs il-ħin normali tax-xogħol.

4. L-indennitajiet fis-seħħ fis-SĠK għal xogħol bix-xift jew servizz ta' *stand-by* jistgħu jingħataw lill-ENS.

*Artikolu 11*

**Assenza minħabba mard jew inċident**

1. F'każ ta' assenza minħabba mard jew inċident, l-ENS għandu javża lis-superjur tiegħu mill-aktar fis possibbli u jgħarrfu bl-indirizz attwali tiegħu. L-ENS għandu jipproduċi ċertifikat mediku jekk ikun assenti għal iktar minn tlett ijiem u jista' jkun suġġett għal kontroll mediku organizzat mis-SĠK.

2. Meta l-assenzi tiegħu minħabba mard jew inċident ta' mhux aktar minn tlett ijiem jaqbżu, fi żmien tnax-il xahar, total ta' tnax-il jum, l-ENS għandu jipproduċi ċertifikat mediku għal kull assenza ġdida kkawżata minn mard.

3. Jekk il-perijodu ta' *sick leave* jeċċedi xahar jew jeċċedi ż-żmien tas-servizz imwettaq mill-ENS, skond liema każ ikun l-itwal, l-indennitajiet previsti fl-Artikolu 15(1) u (2) għandhom ikunu awtomatikament sospiżi. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika f'każ ta' mard marbut ma' tqala. Is-*sick leave* ma jistax jestendi aktar miż-żmien ta' l-issekondar tal-persuna konċernata.

4. Madankollu, l-ENS li jisfa' vittma ta' inċident marbut ma' xogħlu li jseħħ waqt iż-żmien ta' l-issekondar għandu jibqa' jirċievi l-indennitajiet sħaħ previsti fl-Artikolu 15(1) u (2) għaż-żmien kollu li fih ma jkunx jiflaħ għax-xogħol u sa tmiem il-perijodu ta' l-issekondar.

*Artikolu 12*

**Leave annwali, leave speċjali u jiem ta' btala**

1. L-ENS għandu jkollu dritt għal jumejn u nofs ta' xogħol *leave* kull xahar sħiħ ta' servizz mogħti (tletin jum kull sena kalendarja).

2. Il-*leave* għandu jkun suġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel tas-servizz li jkun assenjat miegħu l-ENS.

3. L-ENS jista' jingħata, fuq talba motivata, *leave* speċjali fil-każijiet li ġejjin:

— żwieġ ta' l-ENS: jumejn;

— mard serju tal-konjuġi: sa tlett ijiem kull sena;

— mewt tal-konjuġi: erbat ijiem;

— mard serju ta' membru axxendenti tal-familja: sa jumejn kull sena;

— mewt ta' membru axxendenti tal-familja: jumejn;

— twelid ta' tarbija: għaxart ijiem li għandhom jittieħdu matul ix-xahar li jsegwi t-twelid;

— mard serju ta' tifel jew tifla: sa jumejn kull sena;

— ġarr domestiku għall-finijiet tad-dħul fis-servizz: sa jumejn;

— mewt ta' tifel jew tifla: erbat ijiem.

Jista' jingħata *leave* speċjali supplimentari ta' jumejn kull perijodu ta' tnax-il xahar fuq talba (li tkun debitament motivata) tal-persuna konċernata.

4. Fuq talba debitament motivata ta' min iħaddem lill-ENS, jistgħu jingħataw sa jumejn *leave* speċjali f'perijodu ta' tnax-il xahar mis-SĠK fuq bażi ta' każ b'każ.

5. F'każ ta' xogħol fuq bażi *part-time*, iż-żmien tal-*leave* annwali għandu jitnaqqas proporzjonalment.

6. Ma jista' jingħata l-ebda rimborż għal-*leave* annwali li ma jkunx ittieħed sat-tmiem tal-perijodu ta' l-issekondar.

7. Il-paragrafu 3 m'għandux ikun applikabbli għall-ENS li ż-żmien ta' l-issekondar tiegħu ikun inqas minn sitt xhur. Madankollu, l-ENS li ż-żmien ta' l-issekondar tiegħu ikun inqas minn sitt xhur jista' jingħata *leave* speċjali, abbażi ta' talba motivata u permezz ta' deċiżjoni mid-Direttur Ġenerali tas-servizz li jkun assenjat miegħu. Dak il-*leave* speċjali ma jistax jeċċedi tlett ijiem għall-perijodu kollu ta' l-issekondar. Qabel jagħti l-*leave*, id-Direttur Ġenerali responsabbli msemmi hawn fuq għandu jikkonsulta lid-Direttur Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni.

*Artikolu 13*

**Leave tal-maternità**

1. F'każ ta' maternità, għandu jingħata lill-ENS *leave* ta' maternità ta' għoxrin ġimgħa, li matulhom hija tirċievi l-indennitajiet previsti fl-Artikolu 15. Il-*leave* għandu jibda mhux aktar minn sitt ġimgħat qabel id-data probabbli tat-twelid indikata fiċ-ċertifikat u għandu jintemm mhux inqas minn erbatax-il ġimgħa wara d-data tat-twelid. F'każ ta' twelid multipli jew prematur jew twelid ta' tarbija b'diżabbiltà, il-perijodu tal-*leave* għandu jkun ta' erbgħa u għoxrin ġimgħa. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, twelid prematur huwa twelid li jseħħ qabel tmiem l-34 ġimgħa tat-tqala.

2. Meta l-liġi nazzjonali ta' min iħaddem lill-ENS tipprevedi *leave* tal-maternità itwal, l-issekondar għandu jkun sospiż għall-perijodu li jeċċedi dak mogħti mis-SĠK. F'dak il-każ, fi tmiem l-issekondar għandu jiżdied perijodu ekwivalenti ma' dak tas-sospensjoni, jekk l-interess tas-SĠK jiġġustifika dan.

3. L-ENS tista' minflok titlob sospensjoni ta' l-issekondar li jkopri ż-żmien totali mogħti għal-*leave* ta' maternità. F'dak il-każ, fi tmiem l-issekondar għandu jiżdied perijodu ekwivalenti ma' dak tas-sospensjoni, jekk l-interess tas-SĠK jiġġustifika dan.

*Artikolu 14*

**Amministrazzjoni u kontroll**

L-amministrazzjoni u l-kontroll tal-*leave* għandhom jitwettqu mill-amministrazzjoni tas-SĠK. Il-kontroll tal-ħinijiet tax-xogħol u ta' l-assenzi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali jew tas-servizz li miegħu l-ENS ikun assenjat.

KAPITOLU III

**INDENNITAJIET U SPEJJEŻ**

*Artikolu 15*

**Indennitajiet**

1. L-ENS għandu jkollu dritt, matul iż-żmien ta' l-issekondar, għal indennità ta' soġġorn ta' kuljum. Jekk id-distanza bejn il-post ta' l-oriġini u l-post ta' l-issekondar tkun ta' 150 km jew inqas, l-indennità għandha tkun ta' EUR 29,44. Hija għandha tkun ta' EUR 117,74 jekk id-distanza tkun aktar minn 150 km.

2. Jekk l-ENS ma jkun ibbenefika minn ebda rimborż ta' l-ispejjeż tal-ġarr, la mis-SĠK u lanqas minn min iħaddmu, għandha tingħata indennità supplimentari ta' kull xahar skond it-tabella ta' hawn taħt:

| Distanza bejn il-post ta' oriġini u l-post ta' l-issekondar (km) | Ammont f'EUR |
|---|---|
| 0-150 | 0 |
| > 150 | 75,68 |
| > 300 | 134,54 |
| > 500 | 218,65 |
| > 800 | 353,20 |
| > 1 300 | 555,03 |
| > 2 000 | 664,37 |

Din l-indennità għandha titħallas kull xahar bħala arretrat. Hija tkun dovuta sa tmiem ix-xahar li fih, jekk ikun il-każ, l-ENS jkun wettaq il-ġarr tiegħu, skond l-Artikolu 19(1).

3. Dawn l-indennitajiet għandhom ikunu dovuti għall-perijodi ta' missjoni, ta' *leave* annwali, ta' *leave* ta' maternità, ta' *leave* speċjali u ta' jiem ta' vaganza mogħtijin mis-SĠK.

4. Meta jidħol fis-servizz, l-ENS għandu jibbenefika minn avvanz ta' ammont ekwivalenti għal 75 jum ta' indennità ta' soġġorn u dan il-ħlas itemm kull dritt ulterjuri ta' indennità ta' soġġorn ta' kuljum għall-perijodu korrispondenti. F'każ ta' tmiem definittiv tas-servizz ta' l-ENS mas-SĠK qabel l-iskadenza tal-perijodu li ttieħed kont tiegħu għall-kalkolu ta' l-avvanz, l-ENS għandu jagħti lura l-frazzjoni ta' l-ammont ta' dan il-ħlas li tikkorrispondi għall-perijodu li jifdal.

5. Waqt l-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5), is-SĠK għandu jiġi mgħarraf b'kull benefiċċju analogu għal dawk previsti fil-paragrafi 1, 2, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu li jirċievi l-ENS. L-ammont ta' dawn għandu jitnaqqas mill-indennitajiet korrispondenti mħallsin mis-SĠK.

6. L-indennitajiet ta' kuljum u ta' kull xahar għandhom jiġu adattati kull sena, bla effett retroattiv, skond l-adattamenti tas-salarji bażiċi ta' l-uffiċjali tal-Komunità fi Brussell u fil-Lussemburgu.

7. Għall-ENS assenjat f'Uffiċċju ta' Kollegament (*Liaison Office*) tas-SĠK jew fi kwalunkwe post ieħor fejn l-Unjoni topera taħt deċiżjoni adottata mill-Kunsill, l-indennitajiet previsti fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu sostitwiti b'indennità ta' l-alloġġ meta ċ-ċirkostanzi marbuta ma' l-ispejjeż ta' l-alloġġ fil-post ta' l-issekondar jiġġustifikaw dan, permezz ta' deċiżjoni motivata tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni.

8. Tista' tingħata indennità speċjali, stabbilita skond il-post ta' l-issekondar, fil-każ li dan il-post jinsab barra mill-UE, sabiex jittieħed kont ta' l-għoli tal-ħajja jew ta' kondizzjonijiet tal-ħajja partikolarment diffiċli, permezz ta' deċiżjoni motivata tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni. Din l-indennità għandha titħallas kull xahar u tiġi stabbilita bejn 10 u 15 % tas-salarju bażiku ta' uffiċjal fl-ewwel skaluna tal-grad AD 6 jew AST 4, skond il-grupp ta' funzjonijiet li fih ikun ġie assimilat l-ENS.

*Artikolu 16*

**Indennità fissa supplimentari**

1. Sakemm il-post ta' oriġini ta' l-ENS ma jkunx jinsab f'distanza ta' 150 km jew inqas mill-post ta' l-issekondar, l-ENS għandu jirċievi, jekk ikun il-każ, indennità fissa supplimentari li tkun daqs id-differenza bejn is-salarju annwali gross imħallas minn min iħaddmu (bl-allokazzjonijiet għall-familja mnaqqsin), miżjud bl-indennitajiet eventwalment imħallsin mis-SĠK, skond l-Artikolu 15, u s-salarju bażiku ta' uffiċjali fl-ewwel skaluna tal-grad AD 6 jew AST 4, skond il-grupp ta' funzjonijiet li fih ikun ġie assimilat l-ENS.

2. Din l-indennità għandha tiġi adattata darba fis-sena, bla effett retroattiv, skond l-adattament tas-salarji bażiċi ta' l-uffiċjali tal-Komunità.

*Artikolu 17*

**Postijiet ta' reklutaġġ, ta' ssekondar, ta' oriġini u ta' ritorn**

1. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, għandu jitqies

— bħala post ta' reklutaġġ, il-post fejn l-ENS kien iwettaq id-dmirijiet tiegħu għal min iħaddmu immedjatament qabel l-issekondar tiegħu;

— bħala post ta' l-issekondar, il-post fejn jinsab is-servizz jew l-uffiċċju tas-SĠK li miegħu jiġi assenjat l-ENS, jew il-post fejn l-ENS jopera fl-ambitu ta' deċiżjoni adottata mill-Kunsill;

— bħala post ta' oriġini, il-post fejn tinsab is-sede ta' min iħaddmu;

— bħala post ta' ritorn, il-post fejn l-ENS ser iwettaq l-attività ewlenija tiegħu wara tmiem l-issekondar.

2. Jekk il-post ta' reklutaġġ jew il-post ta' ritorn jinsab barra mit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru li m'huwiex dak fejn tinsab is-sede ta' min iħaddem lill-ENS, jew jekk l-ENS ma jwettaq l-ebda attività professjonali wara tmiem l-issekondar, il-post ta' oriġini għandu jitqies bħala l-post ta' reklutaġġ jew bħala l-post ta' ritorn, skond il-każ.

Il-post ta' reklutaġġ, il-post jew postijiet ta' l-issekondar u l-post ta' oriġini għandhom jiġu stabbiliti fl-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5). Il-post ta' ritorn għandu jiġi stabbilit abbażi ta' dikjarazzjoni ta' min iħaddem lill-ENS.

3. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, iċ-ċirkostanzi marbutin mal-kompiti mwettqin mill-ENS għal Stat li m'huwiex dak tal-post ta' l-issekondar jew għal organizzazzjoni internazzjonali m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

*Artikolu 18*

**Spejjeż ta' vvjaġġar**

1. L-ENS li l-post ta' reklutaġġ tiegħu jinsab aktar minn 150 km mill-post ta' l-issekondar għandu jkun intitolat għal rimborż ta' l-ispejjeż tal-vjaġġ fil-bidu ta' l-issekondar:

a) għalih stess,

b) għall-konjuġi u għat-tfal dipendenti tiegħu, sakemm dawn il-persuni jgħixu ma' l-ENS u l-ġarr jiġi rimborżat mis-SĠK.

2. Ħlief fil-każ ta' trasport bl-ajru, l-ammont tar-rimborż għandu jkun fiss u limitat għall-prezz tal-vjaġġ bil-ferrovija bit-tariffa tat-tieni klassi bla suppliment. L-istess għandu japplika għall-vjaġġi bil-karozza. Jekk it-triq bil-ferrovija taqbeż il-500 km jew jekk il-vjaġġ normali jkun jeħtieġ qsim fuq il-baħar, ir-rimborż tal-vjaġġ bl-ajru jista' jwassal sal-prezz tal-vjaġġ bl-ajru b'tariffa mraħħsa (PEX jew APEX), u jridu jiġu ppreżentati l-biljetti u l-karti ta' l-imbarkazzjoni.

3. L-ENS għandu jkun intitolat għalih innifsu, u fejn meħtieġ, għall-persuni previsti fil-punt (b) tal-paragrafu 1, għar-rimborż ta' l-ispejjeż tal-vjaġġ lejn il-post ta' ritorn fi tmiem l-issekondar fil-limiti msemmijin qabel. Dan ir-rimborż ma jistax jinvolvi ammont ogħla minn dak li għalih l-ENS kien ikun intitolat kieku rritorna fil-post ta' reklutaġġ tiegħu.

4. Jekk l-ENS ikun wettaq il-ġarr mill-post ta' reklutaġġ għall-post ta' l-issekondar tiegħu, huwa għandu jkun intitolat kull sena għal ammont fiss ugwali għall-prezz tal-vjaġġ ta' ritorn mill-post ta' l-issekondar għall-post ta' oriġini tiegħu, għalih stess, għall-konjuġi tiegħu u għat-tfal dipendenti, abbażi tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fis-SĠK.

*Artikolu 19*

**Spejjeż tal-ġarr**

1. L-ENS jista' jġorr l-għamara u l-oġġetti personali tiegħu mill-post ta' reklutaġġ għall-post ta' l-issekondar, bl-ispejjeż tas-SĠK, wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tas-SĠK minn qabel, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fis-SĠK fir-rigward tar-rimborż ta' l-ispejjeż tal-ġarr, sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) iż-żmien inizjali ta' l-issekondar irid ikun ta' sentejn;

b) il-post ta' reklutaġġ ta' l-ENS irid ikun jinsab f'distanza ta' 100 km jew iktar mill-post ta' l-issekondar;

c) il-ġarr irid isir matul is-sitt xhur li jibdew jgħoddu mill-bidu ta' l-issekondar;

d) l-awtorizzazzjoni trid tintalab mill-inqas xahrejn qabel id-data prevista għall-ġarr;

e) l-ispejjeż tal-ġarr ma jkunux ġew rimborżati minn min iħaddmu;

f) l-ENS għandu jibgħat l-oriġinali ta' stimi, riċevuti u fatturi lis-SĠK kif ukoll attestazzjoni ta' min iħaddem lill-ENS li tikkonferma li m'huwiex ser iħallas l-ispejjeż tal-ġarr.

2. Suġġett għall-paragrafu 3, jekk il-ġarr għall-post ta' l-issekondar ikun ġie rimborżat mis-SĠK, l-ENS għandu jkun intitolat, fi tmiem l-issekondar, wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel, għar-rimborż ta' l-ispejjeż tal-ġarr mill-post ta' l-issekondar għall-post ta' ritorn, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fis-SĠK dwar ir-rimborż ta' l-ispejjeż tal-ġarr, sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, punti (d) u (e), kif ukoll il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) il-ġarr ma jistax isir aktar kmieni minn sitt xhur qabel tmiem l-issekondar;

b) il-ġarr għandu jitlesta matul is-sitt xhur ta' wara tmiem l-issekondar;

c) l-ammont ta' l-ispejjeż tal-ġarr rimborżat mis-SĠK għall-ġarr fi tmiem l-issekondar ma jistax jeċċedi l-ammont ta' l-ispejjeż tal-ġarr li kien ikun intitolat għalih kieku rritorna lejn il-post tar-reklutaġġ;

d) wara li jkun bagħat l-oriġinali ta' l-istimi u l-fattura tal-ġarr lis-SĠK, kif ukoll attestazzjoni ta' min iħaddem lill-ENS li tikkonferma li m'huwiex qed iħallas l-ammont sħiħ jew parti mill-ispejjeż tal-ġarr.

3. L-ENS li l-issekondar tiegħu jintemm fuq talba tiegħu jew ta' min iħaddmu matul is-sentejn li jsegwu l-bidu ta' l-issekondar m'għandux ikun intitolat għar-rimborż ta' l-ispejjeż tal-ġarr fi tmiem l-issekondar.

*Artikolu 20*

**Missjonijiet u spejjeż ta' missjoni**

1. L-ENS jista' jintbagħat fuq missjoni konformement ma' l-Artikolu 4.

2. L-ispejjeż tal-missjoni għandhom jiġu rimborżati skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fis-SĠK.

*Artikolu 21*

**Taħriġ**

L-ENS għandu d-dritt li jattendi korsijiet ta' taħriġ organizzati mis-SĠK jekk l-interess tas-SĠK jiġġustifika dan. Għandhom jiġu kunsidrati l-interessi raġonevoli ta' l-ENS, b'kont meħud speċjalment ta' l-iżvolġiment tal-karriera tiegħu wara l-issekondar, meta tittieħed deċiżjoni sabiex jingħata permess jattendi xi kors.

*Artikolu 22*

**Dispożizzjonijiet amministrattivi**

1. L-ENS għandu jirrapporta fl-ewwel jum ta' l-issekondar tiegħu lis-servizz kompetenti tad-Direttorat Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni sabiex isiru l-formalitajiet amministrattivi meħtieġa. Id-dħul fis-servizz għandu jkun fl-ewwel jew fis-sittax tax-xahar.

2. L-ENS assenjat ma' uffiċċju ta' kollegament tas-SĠK għandu jirrapporta lis-servizz kompetenti tas-SĠK fil-post ta' l-issekondar tiegħu.

3. Il-pagamenti għandhom isiru f'ewro mis-servizz kompetenti tas-SĠK f'kont bankarju miftuħ f'istituzzjoni bankarja fi Brussell. Għall-ENS sekondat f'post li ma jkunx Brussell, il-pagamenti jistgħu jsiru f'ewro fuq kont bankarju miftuħ f'istituzzjoni bankarja fi Brussell jew fil-post ta' oriġini ta' l-ENS. L-indennità ta' l-alloġġ tista' titħallas b'valuta oħra f'kont bankarju miftuħ f'istituzzjoni bankarja fil-post ta' l-issekondar.

KAPITOLU IV

ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI GĦAL PERIJODU QASIR BLA SPEJJEŻ

*Artikolu 23*

**ENS sekondat għal perijodu qasir bla spejjeż**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ENS sekondat għal perijodu qasir bla spejjeż (ENS-SPQBS) tfisser ENS speċjalizzat ħafna, sekondat għat-twettiq ta' kompiti speċifiċi ħafna għal perijodu massimu ta' tliet xhur. Dan l-issekondar ma jinvolvi l-ħlas ta' l-ebda indennità jew spiża mill-Kunsill ħlief, fejn ikun il-każ, dak previst fl-Artikolu 28 u mingħajr preġudizzju għal xi ftehim differenti bejn is-SĠK u l-amministrazzjoni li tissekonda l-ENS-SPQBS.

2. L-ENS-SPQBS jista' jiġi sekondat biss f'każijiet eċċezzjonali, bl-awtorizzazzjoni tad-Deputat Segretarju Ġenerali. L-issekondar ta' ENS-SPQBS għandu jkollu l-għan biss li jwettaq kompiti li t-twettiq tagħhom kien ikun diffiċli għas-SĠK fi żmien qasir ħafna. Dan għandu jkun il-każ għal:

— missjonijiet esplorattivi,

— l-ippjanar u l-evalwazzjoni ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' mmaniġġar ta' kriżijiet,

— il-parteċipazzjoni f'eżerċizzji speċifiċi ta' mmaniġġar ta' kriżijiet.

3. Bla ħsara għall-Artikoli 23 sa 28, ir-regoli previsti fl-Artikoli 1 sa 14 u 20 sa 22 għandhom japplikaw ukoll għall-ENS-SPQBS.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, il-kondotta ta' l-ENS-SPQBS għandha dejjem tirrifletti l-fatt li huwa jkun sekondat mal-Kunsill u għandha tkun dejjem adattata għad-dinjità tal-funzjoni tiegħu.

*Artikolu 24*

**Il-perijodu ta' l-issekondar**

1. Il-perijodu previst fl-Artikolu 23(1) jista' jiġi estiż darba b'perijodu massimu ta' tliet xhur.

2. ENS-SPQBS sekondat mas-SĠK jista' jiġi sekondat mill-ġdid skond ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u dejjem bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

— ikun għadda perijodu minimu ta' sena bejn tmiem il-perijodu ta' l-issekondar preċedenti u ssekondar ġdid jekk l-ENS jiġi sekondat skond ir-regoli ta' dan il-Kapitolu;

— ikun għadda perijodu minimu ta' tliet snin bejn tmiem il-perijodu ta' l-issekondar preċedenti u ssekondar ġdid jekk l-ENS jiġi sekondat suġġett għar-regoli ta' l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

3. F'każijiet eċċezzjonali, il-perijodu indikat fil-paragrafu 2, l-ewwel inċiż, jista' jitqassar b'deċiżjoni tad-Deputat Segretarju Ġenerali.

*Artikolu 25*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Fl-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5), għandha ssir referenza għall-persuna responsabbli fi ħdan id-Direttorat Ġenerali jew id-direttorat, l-unità, il-missjoni jew l-eżerċizzju li magħhom jew minnhom ser jiġi sekondat l-ENS-SPQBS kif ukoll deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti li jridu jitwettqu minnu.

2. Għal dak li jirrigwarda l-kompiti konkreti li jrid iwettaq, l-ENS-SPQBS għandu jirċievi istruzzjonijiet mill-persuna responsabbli msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 26*

**Assigurazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28 u b'deroga mill-Artikolu 9(2), l-ENS-SPQBS m'għandux ikun kopert mis-SĠK kontra r-riskju ta' inċident.

*Artikolu 27*

**Kondizzjonijiet ta' xogħol**

1. B'deroga mill-Artikolu 10(1), l-ENS-SPQBS għandu jirrispetta r-regoli dwar il-ħinijiet tax-xogħol fis-seħħ fil-post ta' l-issekondar tiegħu. Dawn ir-regoli jistgħu jinbidlu mill-persuna responsabbli fi ħdan l-unità amministrattiva, il-missjoni jew l-eżerċizzju li magħhom jew minnhom ikun ġie sekondat l-ENS-SPQBS skond il-ħtiġijiet tas-servizz.

2. B'deroga mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(2), l-ENS-SPQBS għandu jaħdem biss fuq bażi *full-time* matul l-issekondar tiegħu.

3. L-Artikolu 10(4) m'huwiex applikabbli għall-ENS-SPQBS.

4. L-amministrazzjoni u l-kontroll tal-preżenza u tal-*vacation leave* ta' l-ENS-SPQBS għandhom isiru mill-persuna responsabbli msemmija fl-Artikolu 25(2).

5. Il-paragrafi 3, 4 u 7 ta' l-Artikolu 12 m'humiex applikabbli għall-ENS-SPQBS. Madankollu, abbażi ta' talba motivata mingħandu, l-ENS-SPQBS jista' jingħata *leave* speċjali b'deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Servizz li miegħu huwa jkun assenjat. Tali *leave* speċjali ma jistax ikun ta' iktar minn tlett ijiem tul il-perijodu kollu ta' l-issekondar. Qabel jagħti tali *leave*, id-Direttur Ġenerali msemmi hawn fuq għandu jikkonsulta lid-Direttur Ġenerali tal-Persunal u l-Amministrazzjoni.

*Artikolu 28*

**Missjonijiet**

1. Jekk l-ENS-SPQBS jipparteċipa f'missjonijiet f'post li m'huwiex il-post ta' l-issekondar tiegħu, huwa għandu jiġi rimborżat skond ir-regoli fis-seħħ għar-rimborż tal-missjonijiet ta' l-uffiċjali, ħlief jekk ikun sar arranġament ieħor bejn is-SĠK u l-amministrazzjoni li tissekonda l-ENS-SPQBS.

2. Jekk, fl-ambitu ta' missjoni, tingħata assigurazzjoni speċjali għal "riskji kbar" mis-SĠK lill-uffiċjali, dan il-benefiċċju għandu jingħata wkoll lill-ENS-SPQBS li jipparteċipa fl-istess missjoni.

3. L-ENS-SPQBS li jipparteċipa f'missjoni barra mit-territorju ta' l-UE għandu jkun suġġett għall-arranġamenti ta' sigurtà fis-seħħ fis-SĠK għal dawn il-missjonijiet.

KAPITOLU V

**L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI FIR-RIGWARD TAL-PERSUNAL MILITARI NAZZJONALI SEKONDAT**

*Artikolu 29*

**Regoli tal-persunal militari sekondat**

Bla ħsara għall-Artikoli 30 sa 42, ir-regoli tal-kapitoli preċedenti għandhom japplikaw ukoll għall-persunal militari sekondat mas-SĠK sabiex jiġi ffurmat il-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 dwar l-istabbiliment tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea ([1]).

*Artikolu 30*

**Kondizzjonijiet**

Matul l-issekondar tiegħu l-persunal militari sekondat għandu jkun f'servizz rimunerat fil-forzi armati ta' Stat Membru. Huwa għandu jkollu ċittadinanza ta' Stat Membru.

*Artikolu 31*

**Reklutaġġ**

B'deroga mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 1(3), is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jistabbilixxi l-modalitajiet tar-reklutaġġ tal-persunal militari sekondat.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/395/PESK (ĠU L 132, 26.5.2005, p. 17).

*Artikolu 32*

**Skambju ta' ittri**

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(5), l-iskambju ta' ittri għandu jsir bejn is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u r-Rappreżentanza Permanenti ta' l-Istat Membru konċernat. Dan l-iskambju ta' ittri għandu jsemmi wkoll kwalunkwe limitazzjoni eventwali tal-parteċipazzjoni ta' l-ENS f'missjonijiet.

*Artikolu 33*

**Il-perijodu ta' l-issekondar**

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1), il-perijodu ta' l-issekondar ma jistax ikun inqas minn sitt xhur u lanqas iktar minn tliet snin u jista' jiġġedded suċċessivament għal tul ta' żmien totali li ma jeċċedix erba' snin.

2. B'deroga mill-Artikolu 2(4)(b), ħlief għal każijiet eċċezzjonali, għandu jkun skorra perijodu ta' mill-inqas 3 snin bejn tmiem il-perijodu ta' l-issekondar preċedenti u ssekondar ġdid, fejn il-kondizzjonijiet jiġġustifikaw dan u bi qbil mas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

*Artikolu 34*

**Dmirijiet**

B'deroga mill-Artikolu 4(1), il-persunal militari sekondat li jaġixxi taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jwettaq il-missjoni, il-kompiti u l-funzjonijiet assenjati lilu konformement ma' l-Anness mad-Deċiżjoni 2001/80/PESK.

*Artikolu 35*

**Impenji esterni**

B'deroga mill-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-persunal militari sekondat ma jistax jimpenja lis-SĠK esternament, ħlief taħt mandat speċjali konċess taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

*Artikolu 36*

**Awtorizzazzjoni ta' sigurtà**

B'deroga mill-Artikolu 4(5), il-livell adatt ta' l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà tal-persunal militari sekondat, li ma jistax ikun inqas minn SECRET, għandu jiġi stipulat fl-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5).

*Artikolu 37*

**Esperjenza professjonali**

B'deroga mill-Artikolu 6(1), jista' jiġi sekondat mas-SĠK membru ta' persunal militari f'livell ta' elaborazzjoni jew ta' stharriġ u li jaghti prova ta' livell gholi ta' kompetenza ghall-kompiti li jridu jitwettqu.

*Artikolu 38*

**Sospensjoni u terminazzjoni ta' l-issekondar**

1. L-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) fir-rigward ta' membru ta' persunal militari sekondat għandha tingħata mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(2), l-issekondar jista' jiġi terminat mingħajr pre-avviż jekk l-interessi tas-SĠK jew ta' l-amministrazzjoni nazzjonali tal-membru ta' persunal militari sekondat jeħtieġu dan jew għal kwalunkwe raġuni suffiċjenti oħra.

*Artikolu 39*

**Nuqqas gravi mill-obbligi**

1. L-issekondar jista' jiġi terminat mingħajr pre-avviż f'każ ta' nuqqas gravi mill-obbligi li jkun marbut bihom il-persunal militari sekondat, imwettaq volontarjament jew b'negliġenza. B'deroga mill-Artikolu 8(2)(c), id-deċiżjoni għandha tittieħed mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli wara li l-persuna konċernata tingħata l-opportunità li tressaq id-difiża tagħha. Qabel jieħu deċiżjoni, is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jgħarraf lir-Rappreżentant Permanenti ta' l-Istat Membru li tiegħu l-persunal militari sekondat ikun ċittadin. Wara dik id-deċiżjoni, l-indennitajiet previsti fl-Artikoli 18 u 19 m'għandhomx jingħataw iżjed.

Qabel id-deċiżjoni prevista fl-ewwel subparagrafu, il-membru tal-persunal militari sekondat jista' jiġi sospiż f'każ li ssir allegazzjoni ta' nuqqas gravi fil-konfront tiegħu mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli wara li l-persuna konċernata tingħata l-opportunità li tressaq id-difiża tagħha. L-indennitajiet previsti fl-Artikoli 15 u 16 m'għandhomx jitħallsu matul din is-sospensjoni, li ma tistax tkun ta' iktar minn tliet xhur.

2. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jinforma l-awtoritajiet nazzjonali dwar kwalunkwe ksur, minn membru ta' persunal militari sekondat, tar-regoli stabbiliti jew imsemmija f'din id-Deċiżjoni.

3. Il-persunal militari sekondat għandu jibqa' suġġett għar-regoli dixxiplinari nazzjonali tiegħu.

*Artikolu 40*

**Ħinijiet tax-xogħol**

It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(2) m'għandhiex tapplika għall-persunal militari sekondat.

*Artikolu 41*

**Leave speċjali**

B'deroga mill-Artikolu 12(4), jista' jingħata mis-SĠK *leave* speċjali supplimentari mhux imħallas għall-finijiet ta' taħriġ minn min iħaddem u fuq talba debitament motivata ta' dan ta' l-aħħar.

*Artikolu 42*

**Indennitajiet**

B'deroga mill-Artikoli 15(1) u 16, l-iskambju ta' ittri previst fl-Artikolu 1(5) jista' jistipula li l-indennitajiet previsti hemmhekk m'għandhomx jitħallsu.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 43*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE hija b'dan imħassra. Madankollu, hija għandha tibqa' applikabbli għal kull issekondar kurrenti fil-bidu ta' effett ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 44.

*Artikolu 44*

**Effett**

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika għal kull issekondar ġdid jew għal kull tiġdid ta' ssekondar mill-ewwel jum tax-xahar wara l-bidu ta' effett tagħha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VIEIRA DA SILVA

IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## Nru 90/04/COL

## tat-23 ta' April 2004

## li temenda għas-sitta u erbgħin darba r-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat billi Tintroduċi kapitolu ġdid 24Ċ: l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għax-Xandir tas-servizz pubbliku

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (1), b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja (2), b'mod partikolari l-Artikolu 24, l-Artikolu 5(2)(b) u l-Artikolu 1 fil-Parti I tal-Protokoll 3 tiegħu,

BILLI skond l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA għandha timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE li jikkonċerna l-għajnuna mill-Istat,

BILLI skond l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet ittrattati fil-Ftehim ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti espressament jipprovdu dan jew jekk l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tqis li jkun meħtieġ,

FILWAQT LI TFAKKAR ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat (3) li ġew adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA (4),

BILLI, fis-17 ta' Ottubru 2001, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni ġdida li tistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat ġodda lis-servizzi ta' xandir pubbliku (5),

BILLI din il-Komunikazzjoni hija wkoll ta' rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI għandha tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-regoli ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat maż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

BILLI, skond il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fi tmiem l-Anness XV għall-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti li jikkorrispondu għal dawk li ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea,

WARA li kkonsultat lill-Kummissjoni Ewropea,

FILWAQT LI TFAKKAR li l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA kkonsultat lill-Istati ta' l-EFTA f'laqgħa multilerali dwar is-suġġett,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom jiġu emendati billi jiġi introdott Kapitolu ġdid 24Ċ, L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku. Dan il-kapitolu l-ġdid jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(1) Minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim ŻEE.
(2) Minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
(3) Minn hawn 'il quddiem se jissejħu l-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.
(4) Għall-ewwel ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.94, u fis-Suppliment ŻEE tiegħu Nru 32 fl-istess data, emendati l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 62/04/COL tal-31 ta' Marzu 2004 (għadha mhix ippubblikata).
(5) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli għall-għajnuna mill-istat lis-servizzi ta' xandir pubbliku, ĠU C 320, 15.11.2001, p. 5.

2. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jiġu informati permezz ta' ittra, li tinkludi kopja ta' din id-Deċiżjoni u li tinkludi l-Anness tagħha.

3. Skond il-punt (d) tal-Protokoll 27 għall-Ftehim ŻEE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi informata permezz ta' kopja ta' din id-Deċiżjoni, inkluż l-Anness.

4. Id-Deċiżjoni, inkluż l-Anness I, għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

5. Id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika bl-Ingliż.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' April 2004.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA*

Hannes HAFSTEIN
*President*

Einar M. BULL
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*

## 24Ċ. L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAX-XANDIR TAS-SERVIZZ PUBBLIKU (1)

### 24Ċ.1. Introduzzjoni

(1) Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, ix-xandir għadda minn bidliet importanti. L-abolizzjoni tal-monopolji, l-emerġenza ta' parteċipanti ġodda u żviluppi teknoloġiċi b'rata mgħaġġla bidlu b'mod fundamentali l-ambjent kompetittiv kollu. Ix-xandir televiżiv kien tradizzjonalment attività riservata. Sa mill-bidu tiegħu, fil-biċċa l-kbira kien ipprovdut minn intrapriżi pubbliċi taħt reġim ta' monopolju, prinċipalment minħabba d-disponibbilità limitata tal-frekwenzi ta' xandir u l-barrieri għolja għad-dħul.

(2) Madankollu, fis-snin 70 tas-seklu 20, żviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi għamluha dejjem aktar possibbli li l-Istati EFTA jippermettu li operaturi oħra jxandru. Għalhekk l-Istati EFTA ddeċidew li jintroduċu l-kompetizzjoni fis-suq. Dan wassal għal għażla usa' għall-konsumaturi, għaliex ħafna stazzjonijiet addizzjonali u servizzi ġodda saru disponibbli; dan iffavorixxa wkoll l-emerġenza u t-tkabbir ta' operaturi Ewropej b'saħħithom, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, u grad akbar ta' pluraliżmu fis-settur. Waqt li fetħu s-suq għall-kompetizzjoni, l-Istati EFTA qiesu li x-xandir tas-servizz pubbliku għandu jinżamm, bħala mod biex ikun żgurat li jiġu koperti numru ta' oqsma u jiġu sodisfatti l-ħtiġiet li operaturi privati mhux bilfors jissodisfaw bl-aħjar mod.

(3) Il-kompetizzjoni miżjuda, flimkien mal-preżenza ta' operaturi ffinanzjati mill-Istat, wasslet ukoll għal tħassib dejjem akbar rigward kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, li nġieb għall-attenzjoni ta' l-Awtorità minn operaturi privati. L-ilmenti jallegaw ksur ta' l-Artikolu 61 tat-Trattat ŻEE b'relazzjoni għall-iskemi ta' finanzjament pubbliku stabbiliti favur ix-xandâra tas-servizz pubbliku.

(4) Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-prinċipji li għandhom jiġu segwiti mill-Awtorità fl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 59(2), tal-Ftehim ŻEE għall-finanzjament ta' l-Istat tax-xandir tas-servizz pubbliku. Dan se jagħmel il-politika ta' l-Awtorità f'dan il-qasam kemm jista' jkun trasparenti.

### 24Ċ.2. Ir-Rwol tax-Xandir tas-servizz pubbliku

(1) Kif ġie ddikjarat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill KE u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri KE ta' l-1 ta' Jannar 1999 dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku") (2), "ix-xandir tas-servizz pubbliku minħabba l-funzjonijiet kulturali, soċjali u demokratiċi tiegħu li jwettaq għall-benesseri komuni għandu sinifikat vitali sabiex ikunu żgurati d-demokrazija, il-pluraliżmu, il-koeżjoni soċjali, id-diversità kulturali u dik lingwistika".

(2) Ix-xandir tas-servizz pubbliku, għalkemm għandu rilevanza ekonomika ċara, mhuwiex komparabbli ma' servizz pubbliku fi kwalunkwe settur ekonomiku ieħor. Ma hemm l-ebda servizz ieħor li *fl-istess ħin* għandu aċċess għal settur daqshekk wiesa' tal-popolazzjoni, li jipprovdieh b'daqshekk informazzjoni u kontenut, u permezz t'hekk iwassal u jinfluwenza kemm l-opinjoni individwali kif ukoll dik pubblika.

(3) Ix-xandir tas-servizz pubbliku għandu rwol importanti sabiex jippromwovi d-diversità kulturali f'kull pajjiż, sabiex jipprovdi programmazzjoni edukattiva, sabiex jinforma lill-pubbliku b'mod oġġettiv, sabiex jiggarantixxi l-pluraliżmu, u biex jipprovdi divertiment ta' kwalità, b'mod demokratiku u bla ħlas (3).

(4) Barra minn hekk, ix-xandir huwa ġeneralment meqjus bħala sors ta' informazzjoni ferm affidabbli u jirrappreżenta, għal proporzjon mhux inkonsiderevoli tal-popolazzjoni, is-sors prinċipali ta' informazzjoni. Għalhekk jarrikkixxi d-dibattitu pubbliku u fl-aħħar mill-aħħar jiżgura li, sa ċertu punt, iċ-ċittadini kollha jipparteċipaw fil-ħajja pubblika.

(5) B'mod ġenerali, ir-rwol tas-servizz pubbliku (4) huwa rikonoxxut mill-Ftehim ŻEE. Id-dispożizzjoni prinċipali f'dan ir-rigward hija l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE, li tipprovdi kif ġej: "Intrapriżi fdati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li għandhom il-karattru ta' monopolju li jipproduċi dħul, għandhom ikunu suġġetti għar-regoli li jinsabu f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari għar-regoli dwar il-kompetizzjoni, sakemm l-applikazzjoni ta' tali regoli ma tkunx ta' xkiel għall-prestazzjoni, fid-dritt jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari mogħtija lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux ikun affetwat sa tali punt li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Partijiet Kontraenti".

(1) Sa ċertu punt, dan il-Kapitolu huwa bbażat fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli għall-għajnuna mill-Istat lis-servizzi ta' xandir pubbliku, ĠU C 320, 15.11.2001, p. 5.

(2) ĠU C 30, 5.2.1999, p. 1; inkorporata fil-Ftehim ŻEE fil-punt 4 ta' l-Anness X, bħala att li l-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tiegħu, bid-Deċiżjoni Nru 118/1999, ĠU L 325, 21.12.2000, p. 33 u s-Suppliment ŻEE Nru 60, 21.12.2000, p. 423 (Iżlandiż) u p. 424 (Norveġiż), dħul fis-seħħ fl-1.10.1999.

(3) "*The digital age of European audiovisual policy. Report from the EC high-level group on audiovisual policy* (L-era diġitali tal-politka awdjoviżiva Ewropea. Rapport mill-grupp ta' livell għoli tal-KE dwar il-politika awdjoviżiva)", 1998.

(4) Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, it-terminu "servizz pubbliku" jikkorrispondi għat-terminu "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" li ntuża fl-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE.

(6) F'żewġ każi, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej irrikonoxxiet li s-x-xandir ta' servizzi televiżivi jistgħu jitqiesu bħala "servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali" skond l-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE ([5]). Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja enfasizzat li dawn is-servizzi huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni sakemm ma jintweriex li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tkun inkompatibbli mat-twettiq tal-kompiti tagħhom ([6]).

(7) Ir-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku, fejn titqies in-natura partikolari tas-settur tax-xandir, iddikjarat il-prinċipji u l-kundizzjonijiet li skond tagħhom għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej għal dan is-settur:

"Id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdu għall-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku sakemm dan il-finanzjament jingħata lil organizzazzjonijiet tax-xandir sabiex ikun sodisfatt il-mandat tas-servizz publiku kif mogħti, iddefinit u organizzat minn kull Stat Membru, u sakemm finanzjament bħal dan ma jaffetwax il-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni fil-Komunità sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, waqt li għandh titqies ir-realizzazzjoni tal-mandat ta' dak is-servizz pubbliku."

Peress li r-Riżoluzzjoni hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE bħala att li l-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tiegħu ([7]), fiż-ŻEE għandhom ikunu applikabbli prinċipji simili għal dawk iċċitati.

(8) Ir-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku reġgħet affermat ukoll l-importanza tax-xandir tas-servizz pubbliku għall-ħajja soċjali, demokratika u kulturali. "Aċċess pubbliku wiesgħa, mingħajr diskriminazzjoni u fuq il-bażi ta' opportunitajiet ugwali, għal stazzjonijiet varji u servizzi huwa pre-kundizzjoni għat-twettiq ta' l-obbligazzjoni speċjali tas-servizz ta' xandir pubbliku". Barra minn hekk, ix-xandir ta' servizz pubbliku jeħtieġ "jibbenefika minn progress teknoloġiku", iġib "lill-pubbliku l-benefiċċji tas-servizzi ġodda awdjo-viżivi u ta' informazzjoni u teknoloġiji ġodda" u jieħu ħsieb "l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' attivitajiet fl-era diġitali". Fl-aħħarnett, "xandir ta'servizz pubbliku irid ikun jista' jkompli jipprovdi firxa wiesgħa ta' programmazzjoni skond il-mandat tiegħu kif ġie definit mill-Istati Membri sabiex jindirizza s-soċjetà kollha; f'dan il-kuntest huwa leġittimu għax-xandir tas-servizz pubbliku li jfittex li jilħaq udjenzi wesgħin".

(9) Meta jitqiesu dawn il-karatteristiċi, li huma partikolari għas-settur tax-xandir, mandat ta' servizz pubbliku li jħaddan *"firxa wiesgħa ta' programmazzjoni skond il-mandat tiegħu"*, kif ġie ddikjarat fir-Riżoluzzjoni, fil-prinċipju, jista' jitqies bħala leġittimu, bħala li jimmira għal programmazzjoni bilanċjata u varjata, li huwa kapaċi jippreserva ċertu livell ta' udjenza għal xandâra pubbliċi u, għalhekk, li jiżgura t-twettiq tal-mandat, jiġifieri li jiġu sodisfatti l-ħtiġiet demokratiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetà u li jkun iggarantit il-pluraliżmu.

(10) Għandu jkun innutat li xandara kummerċjali, li numru minnhom huma suġġetti għal rekwiżiti ta' servizz pubbliku, ukoll għandhom rwol fl-akkwist ta' l-għanijiet tar-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku sal-punt li jikkontribbwixxu għall-pluraliżmu, jarrikkixxu d-dibattitu kulturali u politiku u jkabbru l-għażla tal-programmi.

24Ċ.3. **Il-Kuntest Legali**

(1) L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku trid tqis numru wiesa' ta' elementi differenti. Il-Ftehim ŻEE jinkludi l-Artikolu 61 dwar l-għajnuna mill-Istat kif ukoll l-Artikolu 59(2) dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Ftehim ŻEE u r-regoli dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari, rigward is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Il-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura fil-każi ta' għajnuna mill-Istat.

(2) Għall-komunitajiet ewropej, it-trattat ta' amsterdam introduċa didspożizzjoni speċifika (l-Artikolu 16 tat-Trattat KE) dwar servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u protokoll interpretattiv dwar is-sistema tax-xandir tas-servizz pubbliku. It-trattat ta' Maastricht kien diġà introduċa Artikolu li jiddefinixxi r-rwol tal-Komunità fil-Qasam tal-kultura (l-Artikolu 151 tat-Trattat ke) u klawżola ta' kompatibbiltà possibbli għall-għajnuna mill-Istat immirata biex tippromowvi l-kultura (l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat KE). Il-Ftehim ŻEE ma jinkludix "eżenzjoni kulturali" bħall-artikolu 87(3)(d) tat-Trattat ke. madankollu, dan ma jfissirx li eżenzjoni għal miżuri bħal dawn hija eskluża. Kif kien aċċettat mill-awtorità f'każi preċedenti, miżuri ta' appoġġ bħal dawn jistgħu jiġu approvati minħabba raġunijiet kulturali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 61(3)(ċ) tal-Ftehim ŻEE ([8]).

([5]) L-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE jikkorrispondi għall-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE.
([6]) Kawża T-69/89 *Radio Telefis Eireann* vs *Il-Kummissjoni* [1991] ECR II 485, paragrafu 82; Kawża 155/73 *Giuseppe Sacchi* [1974] ECR 409, paragrafu 15.
([7]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2.
([8]) Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA 32/02/COL ta' l-20.2.2002 li tikkonċerna l-produzzjoni tal-films u l-attivitajiet relatati mal-films fin-Norveġja. Għal aktar dettalji wieħed jista' jara t-taqsima 24.Ċ. 5 (2) ta' dawn il-Linji gwida.

(3) Id-Direttiva Tal-Kunsill 89/552/KE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bittelevIżjoni ([9]) kif ġiet emendata mid-direttiva 97/36/KE ([10]), ġiet inkorporata fl-Anness X għall-Ftehim ŻEE ([11]). Id-Direttiva 80/723/KEE tal-25 ta' Ġunju 1980 fuq it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjari bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll fuq it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi ([12]), KIF ĠIET EMENDATA MID-DIRETTIVA 2000/52/KE ([13]) tas-26 ta' Lulju 2000, kienet inkorporata fil-qafas legali tal-Ftehim ŻEE permezz tad-deĊiżjoni tal-Kumitat konġunt ŻEE Nru 6/2001 ([14]). Dawn ir-regoli huma suġġetti għal interpretazzjoni mill-qorti ta' l-EFTA fil-"pilastru EFTA" u mill-qorti ewropea tal-Ġustizzja u mill-Qorti ewropea tal-prim'istanza fil-"pilastru komunitarja". L-awtorità adottat ukoll diversi linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkorrispondu għal komunikazzjonijiet simili maħruġa mill-Kummissjoni KE.

24Ċ.4. **L-applikabbiltà ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE**

24Ċ.4.1. *Il-karattru ta' għajnuna mill-Istat tal-finanzjament ta' l-Istat tax-xandâra tas-servizz pubbliku*

(1) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE jiddikjara li: "Għajr kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri KE, minn Stati EFTA jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim".

(2) L-effett ta' intervent min-naħa ta' l-Istat, mhux il-fini tiegħu, huwa l-element deċiżiv fi kwalunkwe valutazzjoni tal-kontenut ta' għajnuna mill-Istat tiegħu skond l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Il-finanzjament ta' l-Istat tax-xandâra tas-servizz pubbliku normalment għandu jitqies bħala għajnuna mill-Istat, sakemm jissodisfa l-kriterji t'aktar 'il fuq. Ix-xandâra tas-servizz pubbliku normalment jiġu ffinanzjati mill-baġit ta' l-Istat jew permezz ta' imposta (*levy*) fuq dawk kollha li għandhom sett tat-televiżjoni. F'ċerti ċirkostanzi speċifiċi, l-Istat jagħmel injezzjonijiet kapitali jew kanċellazzjonijiet tad-djun favur ix-xandâra tas-servizz pubbliku. Dawn il-miżuri finanzjarji normalment jiġu attribwiti lill-awtoritajiet pubbliċi u jinvolvu t-trasferiment ta' riżorsi ta' l-Istat. Barra minn hekk, u sakemm miżuri bħal dawn jonqsu milli jissodisfaw it-test ta' investitur f'ekonomija tas-suq, skond il-Kapitolu 19 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat ta' l-Awtorità dwar il-proprjetà ta' l-awtoritajiet pubbliċi u skond il-Kapitolu 20 li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat għall-intrapriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura ([15]), fil-parti l-kbira tal-każi jiffavorixxu biss lil ċerti xandâra u b'hekk jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni. Naturalment, l-eżistenza ta' l-għajnuna mill-Istat se jkollha tiġi vvalutata każ b'każ, u tiddependi wkoll min-natura speċifika tal-finanzjament ([16]).

(3) Kif osservat il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja: "Meta għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi Statali ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' intrapriża meta mqabbla ma' intrapriżi oħra li jikkompetu f'kummerċ intra-Komunitarju dan ta' l-aħħar irid jitqies bħala affettwat minn dik l-għajnuna" ([17]). Għalhekk, il-finanzjament Statali ta' xandâra ta' servizz pubbliku ġeneralment jista' jitqies bħala li jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti. Jidher ċar li din hija l-pożizzjoni rigward l-akkwist u l-bejgħ tad-drittijiet ta' programm, li ħafna drabi jseħħ fuq livell internazzjonali. Ir-reklami, ukoll, fil-każ ta' xandâra pubbliċi li jitħallew ibiegħu spazju għal reklami, għandha effett transkonfinali, speċjalment għal żoni lingwistiċi omoġenji li jaqsmu fruntieri nazzjonali. Barra minn hekk, l-istruttura ta' sjieda ta' xandâra kummerċjali tista' tkun estiża sa aktar minn Stat ŻEE wieħed.

(4) Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza ([18]), b'mod ġenerali, kwalunkwe trasferiment ta' riżorsi ta' l-Istat lil ċertu intrapriża irid jitqies bħala għajnuna mill-Istat (sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE). Madankollu, kif iddeċidiet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha rigward *Altmark Trans GmbH* ([19]) (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ is-"sentenza Altmark") li "fejn miżura ta' l-Istat trid titqies bħala kumpens għas-servizzi provduti mill-intrapriżi riċeventi sabiex iwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku, sabiex dawk l-intrapriżi ma jgawdux minn vantaġġ finanzjarju reali u l-miżura b'hekk ma jkolliex l-effett li tqiegħdhom f'pożizzjoni kompettitiva aktar favorevoli mill-intrapriżi li jikkompetu magħhom, miżura bħal din ma tinqabadx mill-Artikolu 92(1) [issa l-Artikolu 87(1)) tat-Trattat KE]".

([9]) ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23.
([10]) ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60.
([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 82/1999, ĠU L 296, 23.11.2000, p. 39 u s-Suppliment ŻEE Nru 54, 23.11.2000, p. 99 (Iżlandiż) u Del. 2, p. 69 (Norveġiż), dħul fis-seħħ fl-1.7.2000.
([12]) ĠU L 195, 29.7.1980, p. 35, inkorporata fil-Ftehim ŻEE fl-Anness XV tiegħu.
([13]) ĠU L 193, 29.7.2000, p. 75.
([14]) ĠU L 66, 8.3.2001, p. 48 u s-Suppliment ŻEE Nru 12, 8.3.2001, p. 6, dħul fis-seħħ fl-1.6.2002.
([15]) Il-Kapitolu 19 tal-Linji gwida ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat huwa bbażat fuq il-Bullettin KE 9-1984 dwar l-Applikazzjoni ta' l-[eks-]Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KEE għall-intrapriżi ta' l-awtoritajiet pubbliċi. Il-Kapitolu 20 jikkorrispondi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' l-[eks-]Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KEE (issa l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE) u ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE għall-intrapriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura, ĠU C 307, 13.11.1993, p. 3.
([16]) Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni KE NN 88/98 *"Il-finanzjament ta' stazzjon ta' l-aħbarijiet ta' 24 siegħa mingħajr reklami bi ħlas tal-liċenzja mill-BBC"*, ĠU C 78, 18.3.2000, p. 6 u għajnuna NN 70/98, *"L-għajnuna mill-Istat lill-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku Kinderkanal u Phoenix"*, ĠU C 238, 21.8.1999, p. 3.
([17]) Kawżi 730/79 *Philip Morris Holland* vs *Il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671, paragrafu 11; C-303/88 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1991] ECR I-1433, paragrafu 27; C-156/98 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR I-6857, paragrafu 33.
([18]) Kawżi T-106/95 *FFSA u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [1997] ECR II-229; T-46/97 *SIC* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR II-2125 and C-332/98 *Franza* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR I-4833.
([19]) Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH, Regierungspräsidium Magdeburg* vs *Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* [2003] ECR I-7747, paragrafu 87 *seq.*

(5) Skond is-sentenza *Altmark* tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, madankollu jridu jiġu sodisfatti l-erba' kundizzjonijiet t'hawn taħt biex kumpens bħal dan jevita l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat:

"— l-ewwel, l-intrapriża riċeventi trid effettivament ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq, u l-obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar,

— it-tieni, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jkunu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex ikun evitat li jagħti vantaġġ ekonomiku li jista' jiffavorixxi lill-intrapriża riċeventi meta mqabbla ma' intrapriżi kompetituri,

— it-tielet, il-kumpens ma jistax jeċċedi dak li jkun meħtieġ sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li saru sabiex jitwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku, fejn jitqiesu l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi,

— ir-raba', fejn l-intrapriża li għandha twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, f'każ speċifiku, ma tintgħażilx skond proċedura ta' akkwist pubbliku li għandha tippermetti l-għażla ta' dak li tefa' l-offerta li kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-inqas spiża għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi ta' l-ispejjeż li intrapriża tipika, ġestita sew u adegwatament ipprovduta b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa ta' servizz pubblik, tkun għamlet fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, fejn jitqiesu l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' l-obbligi".

(6) L-Awtorità se tqis din l-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, meta tivvaluta l-ħlasijiet ta' kumpens ta' servizz pubbliku skond l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. L-appoġġ ta' l-Istat li jissodisfa l-kriterji li ssemmew aktar 'il fuq, għalhekk mhux għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE u mhemmx għalfejn ikun innotifikat lill-Awtorità.

24Ċ.4.2. *In-natura ta' l-għajnuna: l-għajnuna eżistenti b'kuntrast għall-għajnuna l-ġdida*

(1) L-iskemi ta' finanzjament bħalissa fis-seħħ fil-parti l-kbira ta' l-Istati EFTA kienu introdotti żmien twil ilu. Bħala l-ewwel pass, għalhekk, l-Awtorità trid tiddetermina jekk dawn l-iskemi jistgħux jitiqesu bħala "għajnuna eżistenti" fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ([20]).

(2) L-għajnuna eżistenti hija regolata mill-Artikolu 1(1) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti li jiddikjara li: "L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA, f'koperazzjoni ma' l-Istati EFTA, għandha żżomm taħt reviżjoni kostanti s-sistemi kollha ta' għajnuna eżistenti f'dawk l-Istati. Għandha tipproponi lil dawn ta' l-aħħar kwalunkwe miżura xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tal-Ftehim ŻEE".

(3) Skond l-Artikolu 1(b)(i) fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-għajnuna eżistenti tinkludi "l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE fl-Istati EFTA rispettivi, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li ġew implimentati qabel, u għadhom japplikaw wara, id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE".

(4) Skond l-Artikolu 1(b)(v) fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-għajnuna eżistenti tinkludi wkoll "l-għajnuna li titqies bħala għajnuna eżistenti għaliex jista' jiġi stabbilit li fiż-żmien li ġiet implimentata ma kinitx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea u mingħajr ma nbidlet mill-Istat EFTA (…)".

(5) Skond il-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ([21]), l-Awtorità trid tivverifika jekk il-qafas legali li skond tiegħu ngħatat l-għajnuna nbidilx jew le mill-introduzzjoni tagħha. Il-Kummissjoni trid tqis l-elementi legali u ekonomiċi kollha relatati mas-sistema tax-xandir ta' Stat EFTA partikolari. Għalkemm l-elementi legali u ekonomiċi rilevanti għal valutazzjoni bħal din jippreżentaw karatteristiċi komuni fl-Istati EFTA kollha, l-Awtorità temmen li metodu ta' każ b'każ huwa l-aktar xieraq.

24Ċ.5. **Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' l-għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli 61(2) u 61(3) tal-Ftehim ŻEE**

(1) L-għajnuna mill-Istat lill-xandâra pubbliċi trid tkun eżaminata mill-Awtorità sabiex ikun iddeterminat jekk jistax jinstab li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE jew le. Jistgħu jiġu applikati d-derogi elenkati fl-Artikoli 61(2) u 61(3) tal-Ftehim ŻEE.

([20]) Jikkorrispondi għall-Artikolu 88 (1) tat-Trattat KE.
([21]) Kawża C-44/93 *Namur-Les Assurances du Crédit SA* vs L-Uffiċċju *National du Ducroire u l-Istat Belġjan* [1994] ECR I-3829.

(2) Il-Ftehim ŻEE ma jinkludix dispożizzjoni li tikkorrispondi għall-Artikolu 151(4) tat-Trattat KE li tobbliga lill-Kummissjoni KE li tqis l-aspetti kulturali fl-azzjonijiet li tagħha skond dispożizzjonijiet l-oħra, lanqas ma jinkludi eżenzjoni kulturali bħall-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat KE. Madankollu, dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma jħallu l-ebda spazju biex jitqiesu l-aspetti kulturali. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Awtorità, f'deċiżjoni li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat għall-produzzjoni tal-films u għall-attivitajiet relatati mal-films fin-Norveġja, stabbiliet li, skond l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, miżuri ta' appoġġ għall-films jistgħu jiġu approvati minħabba raġunijiet kulturali, sakemm dan il-metodu iqis biżżejjed il-kriterji li ġew żviluppati mill-Kummissjoni KE u li l-metodu ma jiddevjax mill-prattika tal-Kummissjoni KE qabel l-adozzjoni ta' l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat KE. It-tienett, għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni KE, fid-deċiżjoni tagħha NN 49/97 u N 357/99 rigward pakkett ta' appoġġ għall-produzzjoni Irlandiża tal-films u tat-televiżjoni, espliċitament enfasizzat li l-introduzzjoni ta' l-Artikoli 151(1) u 87(3)(d) tat-Trattat KE mhux bilfors kienet tirrifletti bidla fil-politika tal-Kummissjoni KE lejn is-settur kulturali. It-tieletnett, rigward ix-xandir, ir-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku tirrikonoxxi li x-xandir tas-servizz pubbliku jissodisfa funzjoni kulturali u li l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għandhom iqisu r-realizzazzjoni tal-mandat tas-servizz pubbliku.

(3) Hija l-Awtorità li trid tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni effettiva ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' eżenzjoni fl-Artikolu 61(3) tal-Ftehim ŻEE u kif għandhom jitqiesu l-aspetti kulturali. Għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet li jagħtu eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu applikati b'mod strett. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni KE anki l-kunċett ta' "kulturali" sabiex l-għajnuna tiġi eżentata mill-projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat KE irid jiġi interpretat b'mod restrittiv. L-istess japplika għal meta l-Awtorità tkun qed teżamina jekk miżura tkunx tista' tiġi eżentata minħabba raġunijiet kulturali skond l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE. Kif iddikjarat il-Kummissjoni KE fid-deċiżjoni tagħha f'*Kinderkanal* u *Phoenix*, il-ħtiġiet edukattivi u demokratiċi ta' Stat Membru għandhom jitqiesu bħala li jkunu distinti mill-promozzjoni tal-kultura ([22]). F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li hemm distinzjoni bejn il-ħtiġiet kulturali, soċjali u demokratiċi ta' kull soċjetà. Naturalment, l-edukazzjoni jista' jkollha aspett kulturali.

(4) Ħafna drabi l-għajnuna mill-Istat lil xandâra ta' servizz pubbliku ma tagħmilx distinzjoni bejn dawk it-tliet ħtiġiet. Konsegwentement, sakemm Stat EFTA ma jipprovdix għal definizzjoni separata u għal finanzjament separat ta' għajnuna mill-Istat biex tkun promossa l-kultura biss, għajnuna bħal din ġeneralment ma tistax tkun approvata fuq dik il-bażi. Normalment tista' tkun ivvalutata, madankollu, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE dwar servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Ikun xi jkun il-każ, tkun xi tkun il-bażi legali biex tkun ivvalutata l-kompatibbiltà, l-analiżi sostantiva għandha ssir mill-Awtorità fuq il-bażi tal-istess kriterji, jiġifieri dawk stabbiliti f'dawn il-Linji gwida.

24Ċ.6. **Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' l-għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE**

(1) Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sostniet konsistentment li l-Artikolu 86 tat-Trattat KE ([23]) jipprovdi għal deroga u għalhekk irid jiġi interpretat b'mod restrittiv. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkjarifikat li sabiex miżura tibbenifika minn deroga bħal din, huwa meħtieġ li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) is-servizz in kwistjoni jrid jkunu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u jrid ikun iddefinit b'mod ċar bħala tali mill-Istat Membru (definizzjoni);

(ii) l-intrapriża in kwistjoni trid tkun espliċitament fdata mill-Istat Membri bil-provvista ta' dak is-servizz (fiduċja);

(iii) l-applikazzjoni ta' regoli dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat (f'dan il-każ, il-projbizzjoni formali fuq l-għajnuna mill-Istat) trid tostakola t-twettiq ta' kompiti partikolari asssenjati lill-intrapriża u l-eżenzjoni minn regoli bħal dawn ma tridx taffettwa l-iżvilupp ta' kummerċ sa punt li jkun kontra l-interessi tal-Komunità (test ta' proporzjonalità).

(2) Hija l-Awtorità li trid tivvaluta jekk dawn il-kriterji ġewx sodisfatti meta tapplika l-Artikolu 59(2) korrispondenti tal-Ftehim ŻEE b'relazzjoni għall-Istati EFTA.

(3) Fil-każ speċifiku tax-xandir tas-servizz pubbliku, il-metodu t'aktar 'il fuq irid ikun adattat fid-dawl tar-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku li tirreferi għall-"mandat ta' servizz pubbliku kif mogħti, iddefinit u organizzat minn kull Stat Membru" (definizzjoni u fiduċja) u, fil-każ tal-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku, jipprovdi għal deroga mir-regoli tat-Trattat "sakemm finanzjament bħal dan jingħata lil organizzazzjonijiet tax-xandir għat-twettiq tal-mandat tas-servizz pubbliku […] u […] ma jaffettwax kundizzjonijiet ta' kummerċ u ta' kompetizzjoni fil-Komunità sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, waqt li għandha titqies ir-realizzaz-zjoni tal-mandat ta' dak is-servizz pubbliku" (proporzjonalità).

([22]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 16.
([23]) L-Artikolu 86 tat-Trattat KE jikkorrispondi għall-Artikolu 59 tal-Ftehim ŻEE.

(4) Kif turi l-prattika tal-każi reċenti tal-Kummissjoni KE, miżura li ma tissodisfax il-kriterji kollha ta' Altmark, xorta trid tkun analizzata skond l-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE, rispettivament l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE ([24]).

24Ċ.6.1. *Definizzjoni ta' mandat ta' servizz pubbliku*

(1) Sabiex tkun sodisfatta l-kundizzjoni li tissemma f'24Ċ.6(1) għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE, huwa meħtieġ li tkun stabbilita definizzjoni uffiċjali tal-mandat tas-servizz pubbliku. Imbagħad biss l-Awtorità tkun tista' tivvaluta b'biżżejjed ċertezza legali jekk tkunx applikabbli d-deroga skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE.

(2) Id-definizzjoni tal-mandat tas-servizz pubbliku taqa' fil-kompetenza ta' l-Istati EFTA, li jistgħu jiddeċiedu fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. B'mod ġenerali, fl-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza, irid jitqies il-kunċett ta' "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali". Madankollu, meta titqies in-natura speċifika tas-settur tax-xandir, definizzjoni "wiesgħa", li tafda lil xandâr partikolari bil-kompitu li jipprovdi programmazzjoni bilanċjata u varjata skond il-mandat, waqt li jkun ippreservat ċertu livell ta' udjenza, tista' titqies leġittima skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE. Definizzjoni bħal din għandha tkun konsistenti ma' l-għan li jiġu sodisfatti l-ħtiġiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' soċjetà partikolari u jiġi garantit il-pluraliżmu, inklużi d-diversità kulturali u dik lingwistika.

(3) B'mod simili, il-mandat tas-servizz pubbliku jista' jinkludi ċerti servizzi li mhumiex "programmi" fis-sens tradizzjonali, bħalma huma servizzi ta' informazzjoni onlajn, sal-punt li waqt li jitqiesu l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' l-attivitajiet fl-era diġitali, ikunu qed jindirizzaw l-istess ħtiġiet demokratiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetà in kwistjoni.

(4) Kulmeta l-ambitu tal-mandat tas-servizz pubbliku jiġi estiż biex ikopri servizzi ġodda, id-definizzjoni u l-att ta' fiduċja għandhom ikunu modifikati kif ikun xieraq, fil-limiti ta' l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE.

(5) Il-kompitu ta' l-Awtorità huwa li tivverifika jekk l-Istati EFTA jirrispettawx jew le d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE. Rigward id-definizzjoni ta' servizz pubbliku fis-settur tax-xandir, ir-rwol ta' l-Awtorità huwa limitat għall-kontroll ta' żbalji evidenti. Mhix l-Awtorità li trid tiddeċiedi jekk programm għandux ikun provdut bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, lanqas li jiddiksuti n-natura jew il-kwalità ta' ċertu prodott. Id-definizzjoni tal-mandat tas-servizz pubbliku, madankollu, tkun fi żball evidenti jekk tinkludi attivitajiet li ma jistgħux raġonevolment jitqies li jissodisfaw "il-ħtiġiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà". Normalment din tkun il-pożizzjoni fil-każ ta', ngħidu aħna, l-*e-commerce*. F'dan il-kuntest, irid jitfakkar li l-mandat tas-servizz pubbliku jiddeskrivi s-servizzi offruti lill-pubbliku fl-interess ġenerali. Il-kwistjoni tad-definizzjoni tal-mandat tas-servizz pubbliku ma tridx tiġi konfuża mal-kwistjoni tal-mekkaniżmu ta' finanzjament magħżul biex ikunu pprovduti dawn is-servizzi. Għaldaqstant, waqt li x-xandâra tas-servizz pubbliku jistgħu jwettqu attivitajiet kummerċjali bħalma huma l-bejgħ ta' spazju għar-reklami sabiex jiksbu dħul, attivitajiet bħal dawn normalment ma jistgħux jitqiesu bħala parti mill-mandat tas-servizz pubbliku.

(6) Id-definizzjoni tal-mandat tas-servizz pubbliku għandha tkun preċiża kemm jista' jkun. M'għandha tħalli l-ebda dubju dwar jekk ċerta attività mwettqa mill-operatur fdat hiex intenzjonata mill-Istat EFTA li tkun inkluża fil-mandat tas-servizz pubbliku jew le. Mingħajr definizzjoni ċara u preċiża ta' l-obbligazzjonijiet imposti fuq ix-xandâr tas-servizz pubbliku, l-Awtorità ma tkunx tista' twettaq il-kompiti tagħha skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE u, għalhekk, ma tkun tista' tagħti l-ebda eżenzjoni skond dik id-dispożizzjoni.

(7) Identifikazzjoni ċara ta' l-attivitajiet koperti mill-mandat tas-servizz pubbliku hija importanti wkoll għall-operaturi mhux ta' servizz pubbliku, sabiex ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom.

(8) Fl-aħħarnett, it-termini tal-mandat tas-servizz pubbliku għandhom ikunu preċiżi, sabiex l-awtoritajiet ta' l-Istati EFTA effettivament ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità, kif inhu deskritt fil-kapitolu li ġej.

24Ċ.6.2. *Fiduċja u sorveljanza*

(1) Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE, il-mandat tas-servizz pubbliku għandu jkun fdat lil intrapriża waħda jew aktar permezz ta' att uffiċjali (pereżempju, permezz ta' leġiżlazzjoni, kuntratt jew termini ta' referenza).

(2) Mhux biżżejjed, madankollu, li x-xandâr tas-servizz pubbliku jkun formalment fdat bil-provvista ta' servizz pubbliku ddefinit sew. Huwa wkoll meħtieġ li s-servizz pubbliku ikun effettivament fornut kif inhu provdut fil-ftehim formali bejn l-Istat u l-intrapriża fdata. Huwa għalhekk mixtieq li awtorità xierqa jew korp maħtur timmonitorja l-applikazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' l-istandards tal-kwalità imposti fuq l-operatur fdat, tidher biċ-ċar il-ħtieġa għal awtorità xierqa bħal din jew għal korp xieraq bħal dan inkarigata mis-superviżjoni. Mhix l-Awtorità li għandha tiġġudika jekk l-istandards tal-kwalità ġewx sodisfatti jew le: trid tkun tista' tistrieħ fuq superviżjoni xierqa min-naħa ta' l-Istati EFTA.

([24]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C62/1999, *RAI*, paragrafu 99 u C85/2001, *RTP*, paragrafu 158.

(3) Hija fil-kompetenza ta’ l-Istat ŻEE li jagħżel il-mekkaniżmu biex tkun żgurata superviżjoni effettiva ħalli l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku jiġu sodisfatti. Ir-rwol ta’ korp bħal dan jidher li jkun effettiv biss jekk l-awtorità tkun indipendenti mill-intrapriża fdata.

(4) Fl-assenza ta’ biżżejjed indikazzjonijiet affidabbli li s-servizz pubbliku jkun effettivament fornut skond il-mandat, l-Awtorità ma tkunx tista’ twettaq il-kompiti tagħha skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE u, għalhekk, ma tkun tista’ tagħti l-ebda eżenzjoni skond dik id-dispożizzjoni.

24Ċ.6.3. *Il-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku u t-test ta’ proporzjonalità*

24Ċ.6.3.1. L-għażla tal-finanzjament

(1) Id-dmirijiet tas-servizz pubbliku jistgħu jkunu jew kwantitativi jew kwalitativi jew it-tnejn. Tkun xi tkun il-forma tagħhom, jistgħu jiġġustifikaw il-kumpens, sakemm jinvolvu spejjeż supplimentari li x-xandar normalment ma jkunx għamel.

(2) L-iskemi ta’ finanzjament jistgħu jitqassmu f’żewġ kategoriji wesgħin: “finanzjament-waħdieni” u “finanzjament-doppju”. Il-kategorija “finanzjament-waħdieni” tkopri dawk is-sistemi fejn ix-xandir tas-servizz pubbliku ikun iffinanzjat biss permezz ta’ fondi pubbliċi, ikunu f’liema forma jkunu. Is-sistemi ta’ “finanzjament-doppju” jinkludu firxa wiesgħa ta’ skemi, fejn ix-xandir tas-servizz pubbliku jkun iffinanzjat permezz ta’ kombinazzjonijiet differenti ta’ fondi Statali u ta’ dħul minn attivitajiet kummerċjali, bħalma huma l-bejgħ ta’ spazju għal reklami jew ta’ programmi.

(3) Kif ġie ddikjarat fir-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku: “Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta’ Stati Membru li jipprovdi għall-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku…”. Dan se jinkludi l-għażla ta’ l-iskema ta’ finanzjament. Sakemm il-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti (eż. ir-reklami, l-akkwist u/jew il-bejgħ tal-programmi) ma tkunx affetwata sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, fil-prinċipju, ma jista’ jkun hemm l-ebda oġġezzjoni għall-għażla ta’ skema ta’ finanzjament doppju (fejn ikunu kkombinati fondi pubbliċi u dħul mir-reklami) pjuttost milli skema b’finanzjament waħdieni (fondi pubbliċi biss).

(4) Waqt li l-Istati EFTA huma ħielsa li jagħżlu l-mezzi ta’ finanzjament għax-xandir tas-servizz pubbliku, skond l-Artikolu 59(2), l-Awtorità trid tivverifika li d-deroga mill-applikazzjoni normali tar-regoli ta’ kompetizzjoni għat-twettiq tas-servizz ta’ interess ekonomiku ġenerali ma taffettwax il-kompetizzjoni fis-żona ŻEE b’mod sproporzjonat. It-test huwa ta’ natura “negattiva”: jeżamina jekk il-miżura adottata mhix sproporzjonata. L-għajnuna wkoll m’għandiex taffettwa l-iżvilupp tal-kummerċ sa punt tali li jkun kuntrarju għall-interessi komuni.

(5) Ir-Riżoluzzjoni dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku tikkonferma dan il-metodu anki għax-xandir tas-servizz pubbliku, fejn tiddikjara li l-finanzjament m’għandux “jaffettwa l-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni fil-Komunità sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, waqt li għandha titqies r-realizzazzjoni tal-mandat ta’ dak is-servizz pubbliku”.

24Ċ.6.3.2. Ir-rekwiżiti tat-trasparenza għall-valutazzjoni ta’ l-għajnuna mill-Istat

(1) Il-valutazzjoni mill-Awtorità li ġiet deskritta aktar ’il fuq teħtieġ definizzjoni ċara u preċiża tal-mandat tas-servizz pubbliku u separazzjoni ċara u xierqa bejn attivitajiet ta’ servizz pubbliku u attivitajiet li mhumiex ta’ servizz pubbliku. Is-separazzjoni tal-kontijiet bejn dawn iż-żewġ sferi normalment diġà tkun meħtieġa fuq livell nazzjonali sabiex ikunu żgurati t-trasparenza u l-kontabbiltà meta jintużaw fondi pubbliċi. Separazzjoni tal-kontijiet hija meħtieġa l-Awtorità tkun tista’ twettaq it-test ta’ proporzjonalità tagħha. Se tipprovdi lill-Awtorità b’għodda biex teżamina allegat sussidju inkroċjat u biex tiddefendi ħlasijiet iġġustifikati ta’ kumpens għal kompiti ta’ interess ekonomiku ġenerali. Fuq il-bażi ta’ spiża xierqa u ta’ allokazzjoni ta’ dħul biss jista’ jkun determinat jekk il-finanzjament pubbliku huwiex effettivament limitat għall-ispejjeż netti tal-mandat tas-servizz pubbliku u b’hekk ikun aċċettabbli skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-rekwiżiti ta’ trasparenza fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi pubbliċi u f’intrapriżi li ngħataw drittijiet speċjali jew esklużivi jew kienu fdati bit-tħaddim ta’ servizz ta’ interess ekonomiku ġenerali, ġew indikati fid-Direttiva 80/723/KEE ([25]).

(3) L-Istati EFTA kienu meħtieġa mid-Direttiva 80/723/KEE li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex - fil-każ ta’ kwalunkwe intrapriża mogħtija drittijiet speċjali jew esklużivi jew li kienet fdata bit-tħaddim ta’ servizz ta’ interess ekonomiku ġenerali u li qed tirċievi għajnuna mill-Istat fi kwalunkwe forma tkun xi tkun u li twettaq attivitajiet oħra, jiġifieri, attivitajiet mhux ta’ servizz pubbliku - jiżguraw li: (a) il-kontijiet interni li jikkorrispondu għal attivitajiet differenti, jiġifieri attivitajiet ta’ servizz pubbliku u attivitajiet mhux ta’ servizz pubbliku, ikunu separati; (b) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati sew jew jiġu allokati fuq il-bażi ta’ prinċipji ta’ kontabilità ta’ l-ispejjeż applikati b’mod konsistenti u ġġustifikati oġġettivament; u (ċ) il-prinċipji tal-kontabilità ta’ l-ispejjeż li skond tagħhom jinżammu kontijiet separati jiġu stabbiliti b’mod ċar.

([25]) Ara n-nota f’qiegħ il-paġna 12.

(4) Ir-rekwiżiti ġenerali ta' trasparenza japplikaw ukoll għax-xandâra kif ġie indikat fil-ħames premessa tad-Direttiva 2000/52/KE ([26]). Ir-rekwiżiti l-ġodda japplikaw għax-xandâra tas-servizz pubbliku, sakemm ikunu benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat u jkunu fdati bit-tħaddim ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, li għalih l-għajnuna mill-Istat ma kienetx iffissata għal perjodu xieraq skond proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja. L-obbligazzjoni tas-separazzjoni tal-kontijiet ma tapplikax għax-xandâra tas-servizz pubbliku li l-attivitajiet tagħhom ikunu limitati għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u li ma jħaddmux attivitajiet barra l-ambitu ta' dawk is-servizzi.

(5) Fis-settur tax-xandir, is-separazzjoni tal-kontijiet mhix problema partikolari fejn għandu x'jaqsam id-dħul, imma tista' ma tkunx sempliċi jew, tabilħaqq, fattibbli fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż. Dan huwa minħabba l-fatt li fis-settur tax-xandir, l-Istati EFTA jistgħu jqisu l-programmazzjoni sħiħa tax-xandâra bħala koperta mill-mandat tas-servizz pubbliku, waqt li fl-istess ħin tippermetti l-esplojtazzjoni kummerċjali tagħha. Fi kliem ieħor, sa ċertu punt, attivitajiet differenti jaqsmu l-istess *input*.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, l-Awtorità tqis li, fejn għandu x'jaqsam id-dħul, operaturi tax-xandir għandhom jagħtu rendikont dettaljat tas-sorsi u ta' l-ammont tad-dħul kollu li ġej mit-twettiq ta' attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku.

(7) Fejn għandu x'jaqsam l-infiq, l-ispejjeż speċifiċi għall-attività mhux ta' servizz pubbliku għandhom ikunu identifikati b'mod ċar. Barra min hekk, kulmeta l-istess riżorsi - persunal, tagħmir, installazzjoni fissa, eċċ. – jintużaw biex jitwettqu kemm kompiti ta' servizz pubbliku kif ukoll kompiti mhux ta' servizz pubbliku, l-ispejjeż tagħhom għandhom ikunu allokati fuq il-bażi tad-differenza fl-ispejjeż totali tal-ditta bl-attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku jew mingħajrhom ([27]).

(8) Dak li ntqal aktar 'il fuq jimplika li, kuntrarju għall-metodu ġeneralment adottat f'setturi ta' utilitajiet oħra, l-ispejjeż li huma għalkollox attribwibbli għal attivitajiet ta' servizz pubbliku, waqt li jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-attivitajiet kummerċjali, mhemmx għalfejn jitqassmu bejn it-tnejn u jistgħu ikunu għalkollox allokati lis-servizz pubbliku. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, bl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' programm li jintwera bħala parti mill-mandat tas-servizz pubbliku imma jinbiegħ ukoll lil xandâra oħrajn. L-eżempju prinċipali, madankollu, ikun dak tan-numru ta' telespettaturi, li jiġi ġġenerat kemm biex ikun sodisfatt il-mandat tas-servizz pubbliku kif ukoll biex jinbiegħ spazju għar-reklami. Jitqies li distribuzzjoni sħiħa ta' dawn l-ispejjeż bejn iż-żewġ attivitajiet tirriskja li tkun arbitrarja u bla siwi. Madankollu, l-allokazzjoni ta' l-ispejjeż mil-lat tat-trasparenza tal-kontijiet m'għandiex tkun konfuża ma' l-irkupru ta' l-ispejjeż fid-definizzjoni tal- politiki ta' l-ipprezzar. Il-kwistjoni ta' l-aħħar ġiet indirizzata fit-taqsima 24 C.6.3.3.(2) t'aktar 'l isfel.

24Ċ.6.3.3. Il-proporzjonalità

(1) Fit-twettiq tat-test ta' proporzjonalità, l-Awtorità tibda mill-konsiderazzjoni li l-finanzjazjament ta' l-Istat normalment ikun meħtieġ għall-intrapriża biex twettaq il-kompiti tas-servizz pubbliku tagħha. Madankollu, sabiex dan it-test ikun sodisfatt, huwa meħtieġ li l-għajnuna mill-Istat ma teċċedix l-ispejjeż netti tal-missjoni ta' servizz pubbliku, waqt li jitqies ukoll id-dħul dirett jew indirett ieħor derivat mill-missjoni ta' servizz pubbliku. Għal din ir-raġuni, meta tkun ivvaluta l-proporzjonalità tal-għajnuna, se jitqies il-benefiċċju nett li attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku iġibu mill-attività ta' servizz pubbliku.

(2) Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm tgħawwiġ fis-suq li ma jkunux meħtieġa biex tkun sodisfatta l-missjoni ta' servizz pubbliku. Pereżempju, xandâr tas-servizz pubbliku, sakemm id-dħul aktar baxx ikun kopert mill-għajnuna mill-Istat, jista' jitħajjar ibaxxi l-prezzijiet tar-reklami jew ta' attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku fis-suq, sabiex inaqqas id-dħul tal-kompetituri. Kondotta bħal din, jekk tiġi ppruvata, ma tistax titqies bħala intrinsika għall-missjoni ta' servizz pubbliku attribbwita lix-xandâr. Kulmeta xandâr tas-servizz pubbliku jraħħas il-prezzijiet inqas mill-prezz normali f'attivitajiet mhux tas-servizz pubbliku aktar milli dak li jkun meħtieġ sabiex ikunu rkuprati l-ispejjeż indipendenti li operatur kummerċjali effiċjenti f'sitwazzjoni simili normalment jkollu jirkupra, prattika bħal din tkun tindika l-preżenza ta' kumpens żejjed ta' obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku. Ikun xi jkun il-każ, dan għandu jaffetwa l-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(3) Għaldaqstant, fit-twettiq tat-test ta' proporzjonalità, l-Awtorità se tqis jekk kwalunkwe tgħawiġ tal-kompetizzjoni li jinqala' minħabba l-għajnuna jistax ikun iġġustifikata f'termini tal-ħtieġa biex jitwettaq is-servizz pubbliku kif ġie ddefinit mill-Istat EFTA jew le u tipprovdi għal finanzjament tiegħu. Meta jkun meħtieġ, l-Awtorità se tieħu wkoll azzjoni fid-dawl ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim ŻEE.

---

([26]) Ara n-noti f'qiegħ il-paġina 13 u 14.

([27]) Dan jimplika referenza għas-sitwazzjoni ipotetika fejn l-attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku kellhom jitwaqqfu: l-ispejjeż li kieku jiġu evitati b'dan il-mod jirrappreżentaw l-ammont ta' l-ispejjeż komuni li għandhom jiġu allokati lill-attivitajiet mhux ta' servizz pubbliku.

(4) L-analiżi ta’ l-effetti ta’ l-għajnuna mill-Istat fuq il-kompetizzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ inevitabbilment iridu jkunu bbażati fuq il-karatteristiċi speċifiċi ta’ kull sitwazzjoni. L-istruttura kompetittiva effettiva u karatteristiċi oħra ta’ kull wieħed mis-swieq ma jistgħux ikunu deskritti f’din il-komunikazzjoni, għaliex ġeneralment ikunu pjuttost differenti minn xulxin. Għall-istess raġuni, dawn il-Linji gwida ma jistgħux *ex ante* jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li fihom il-prezzijiet tax-xandâra tas-servizz pubbliku jkunu skond il-prinċipji li ġew spjegati fit-taqsima 24.C.6.3.3.(2). Għalhekk il-valutazzjoni skond l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim ŻEE tal-kompatibbiltà ta’ l-għajnuna mill-Istat lix-xandâra pubbliċi fl-aħħar mill-aħħar tista’ ssir biss fuq bażi ta’ każ b’każ, skond il-prattika ta’ l-Awtorità.

(5) Fil-valutazzjoni tagħha, l-Awtorità ser tqis il-fatt li, sakemm l-għajnuna mill-Istat tkun meħtieġa biex titwettaq l-obbligazzjoni ta’ servizz pubbliku, is-sistema kollha jista’ wkoll ikollha l-effett posittiv li tmantni sors alternattiv ta’ provvista f’uħud mis-swieq rilevanti ([28]). Madankollu, dan l-effett irid ikun ibbilanċjat ma’ l-effetti negattivi possibbli ta’ l-għajnuna, bħal meta operaturi oħra ma jitħallewx jidħlu f’dawn is-swieq, biex b’hekk titħalla struttura ta’ suq aktar oligopolistiku, jew twassal għal imġiba possibbilment anti-kompetittiva ta’ l-operaturi tas-servizz pubbliku fis-swieq rilevanti.

(6) L-Awtorità se tqis ukoll id-diffikulta li wħud mill-Istati EFTA jista’ jkollhom biex jiġbru l-fondi neċessarji, jekk l-ispejjeż tas-servizz pubbliku għal kull abitant jkunu, *ceteris paribus*, ogħla ([29]).

---

([28]) Dan ma jfissirx li l-għajnuna mill-Istat tista’ tkun iġġustifikata bħala għodda, li żżid il-provvista u l-kompetizzjoni f’suq. L-għajnuna mill-Istat li tippermetti li operatur jibqa’ fis-suq minkejja t-telf rikorrenti tiegħu tikkawża tgħawiġ kbir tal-kompetizzjoni, peress li eventwalment twassal għal aktar ineffiċjenza, provvista iżgħar u prezzijiet ogħla għall-konsumaturi. Jekk jitneħħew il-barrieri legali u ekonomiċi għad-dħul, jekk tiġi żgurata politika *anti-trust* effettiva u jekk jiġi promoss il-pluraliżmu jkunu strumenti aktar effettivi f’dan ir-rigward. Il-monopolji naturali normalment ikunu suġġetti għal regolamentazzjoni.

([29]) Jistgħu jiġu ffaċċati diffikultajiet simili anki meta x-xandir tas-servizz pubbliku jkun indirizzat lil minoranzi lingwistiċi jew għal ħtiġiet lokali.

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 360 tad-19 ta' Diċembru 2006)*

Fil-paġna 99, taħt it-titolu tal-punt 15, fl-ewwel paragrafu, fit-tieni sentenza:

*minflok:* "Il-proċedura doganali rilevanti għandha tinkiteb fil-forma tal-kodiċijiet użati fit-tieni jew it-tielet suddiviżjoni tal-Kaxxa 1 tad-dokument amministrattiv singolu."

*aqra:* "Il-proċedura doganali rilevanti għandha tinkiteb fil-forma ta' l-ittri użati bħala l-intestaturi tal-kolonni (A sa K) biex jidentifikaw proċeduri doganali fil-matriċi fl-Anness 37, Titolu I, punt B".

---

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1459/2007 ta' l-10 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1858/2005 li jimponi dazju definittiv *antidumping* fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula, u ċimi, ta' l-azzar li joriġinaw, *inter alia,* mill-Afrika t'Isfel**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 326, 12.12.2007)*

F'paġna 19, Premessa (14)

*minflok:* "Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/1459/KE […]",

*aqra:* "Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/814/KE […]";

F'paġna 19, Nota ta' qiegħ il-paġna 1

*minflok:* "(1) Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.",

*aqra:* "(1) Ara paġna 25 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali."